Alf. M. Galea

# GHIENET B'RIŻKU!

Meħud mill " *Ave Maria* "

CIRCOLO GIOVANILE
"FOEDUS"
VALLETTA

In-Nru. 124

TAL COTBA TAL MOGHDIJA TAZ-ZMIEN

TAS-SLIEMA (MALTA) 1912
STAMPERIJA TA'S-SALESIANI

GUŻE CASSAR PULLICINO BEQUEST
UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY SERVICES

Proprietà Letteraria
ta
ALF. M. GALEA

# CHIENET B'RIŻKU !

Hàbta ta nżûl ix-xemx, ŭakt ir-rebbiegħa, fil beld iż-żgħira ta Haarlem, dic il-lejla ŭakgħet ħemda cbira. Il fŭieħa tal inŭar u il ŭard minn coll xorta, chienet tgħaxxkec; cont tistħajjel illi il hena issaltan fuk il beld. Imma, kalb il bniedem ma takbilx dejjem għallanija mal ħulkien l'ieħor li igħaġġbec bil ġmiel tiegħu u ifaccrec f'Alla ta sicŭit: daŭc il cŭiecheb jiddu f'issmeŭŭjiet, iż-żiffa ta lejla ta'r-rebbiegħa, collox iħennic la darba kalbec safja, u id-dŭejjak ma jaħcmux fukec. Id-dnub, il fakar u il għâli, jimxu magenb xulxin fl'usagħ torok tal akŭa iblied; u kalb il bniedem, le ma titfarraġ billi idderrilha bl'aħdar ta's-siġar, u il ġmiel tal ŭidjien u l'oħla għàna tal għasafar.

Fi triek mżejjna bl'isbaħ bìni, chien igħammar f'dejr il ġmiel tiegħu ŭieħed banchier, għâni ħafna, jismu Bartens. Id-daħla, il ħitan tagħha micsijin bli njam mnakkax, chienet tŭasslec f'taraġ ŭasa li minnu titla fuk, fejn chellu sŭali isaħħruc bil għâna tagħhom, u fejn chien igħix ma niesu. Isfel, chellu mogħdija għal dâr oħra, fejn in-nies tmur għandu tirgħan id-deheb u il fidda li fukhom chien jislef il flŭs b'imgħâx żgħir,

bl'ankas mgħâx li katt ŭieħed jieħu lil mîn jiddejjen minn għandu b'xi rahan f'îdu.

Bisŭit id-dejr ta dan Bartens, dic il-lejla is-sabieħa, chien kiegħed ħusbien u mgħaxxex ŭieħed ragel ta xi ħamsa u tletin sèna, iħares madŭaru u bħallichiecu għandu xi faħam miblul u denbu taħt il blata, donnu beżgħân. Il ħŭejjeġ ta fuku, għâd illi mkagħbrin, m'is-sûra tagħhom chienu jixhdulec li f'iż-żmien chien jagħmilha tajjeb. Jaħasra, chienet l'eŭŭel darba din tiegħu li ħtieġlu jiersak l'hinn jirgħan ħâtem tal ġaŭ-har li chien fadallu, u iddobba f'îdu xiħaġa ta'ż-żgħâr.

X'ħin ŭasal biex jitlak minn dic it-triek, jinzerta jilmaħ ragel ieħor, ftit u xejn actar minnu mdaħħal f'is-snîn, u jarah dieħel bi tbatija mnejn chien għâdu chemm ħareġ hu. Chien liebes tajjeb ħafna, taħt abtu chellu nitfa ta sorra taŭŭalija, marbuta b'rumnell u b'sigill fukha. Jarah jiekaf, iħares, bla ma jâf x'għandu jagħmel. F'is-siegħa u'l ħin, għainejh ltakgħu ma għainejn l'ieħor li chien iħares lejh u mâr għal fuku, għaliex deherlu li ragel seŭŭa:

"Ġbin," kallu; "xtaktec takdini teftifa u nibka nafulec."

Dan, semgħu isejjaħlu hecc, ħass ŭeġġħa f'kalbu għaliex fehemha illi mîn staksih hecc ntebaħ li hu għâdu ħiereġ minn fejn rahan ħŭejjġu. Iżda, billi ta kalbu tajjba, ma ħadhiex bi cbira u ŭieġbu bil ħleŭŭa:

"Iva, safejn nista, ħaŭn miegħec biex nagħmi-lulec li tixtiek minni."

"Ħaġa żgħira nixtiek minnec.... Ħaġa żgħira, għax hecc iggib il chelma," issocta l'ieħor; "imma, jecc takdini, ħabib, tcun għintni bosta; u naħseb tibka ta-fuli talli tlabtec takdini. Tista tŭassalli din is-sorra

f'idejn is-sur Guljermu Bartens, minn îdec għall îdu? Xi tgħidli? "

" Minn għalija, b'kalbi collha; imma, ngħid jien, għaliex ma'ttihielux int, la darba usalt s'haŭn. Is-sur Bartens, dalħin kiegħed isfel, għaliex dejjem jiddaŭŭar sa jigi biex jagħlak l'uffizzju tiegħu u icenċlulu għal ichel. "

" Ma nistagħx ngħidlec il għaliex; iżda, jinħtieġli ma nersakx kuddiemu b'din is-sorra! "

" La darba hecc, nieħodielec jien! " ŭieġbu dac li ltkajna miegħu l'eŭŭel ŭieħed.

" Narġa nitolboc ittihielu minn îd għall îd, lilu, l'is-sur Bartens, " tennielu l'ieħor.

" U jecc m'hux hemm? "

" Staksi għalih, trid?... Ara, ma gejtx fiha! Int ħâdha is-sorra, collu ŭieħed : nħalli fi ħsiebec! "

U fil ŭakt, ried iżellaklu f'îdu ukija ta'd-deheb, u la cliem u la sliem. L'ieħor ma riedx jieħodha.

" Chif?... le, le, dan issa le, ma jistagħx icun! " kallu dac li telaklu is-sorra f'îdu.

" Jecc ma ntbaħtx ħażin, sieħeb, int għâdec ħiereġ mill Monti, u id-dinja għâdec ma tâf x'tati, il għaliex għâdec ma gejtx f'ilsien in-nies. La titcabbarx żejjed, sieħeb!... u int ankas ma tâf x'biċċa xogħol tlaktlec f'idejc! Dan li tajtec, jistħokkloc fil ŭisa! "

L'ieħor, b'dan collu, bakagħ iħarrec rasu; chienet tigih bi tkila jieħu daŭn il flûs :

" Haġa żgħira, sinjur... u ma nixtiekx nitħallas ta xejn! "

" U jecc katt għandec uliedec?... Kiegħed nara li għandec!... Isa, ħadha din l'ukija, ħabib, u ixtrilhom xi ħaġa... jeŭ erfagħhielhom f'carûs, jeŭ f'xi Banc. "

L'imsejchen, li żmien kabel ma chienx jâf x'isarraf il fakar, balàgħha u lakagħ îdu għall dic l'ukija ta'd-deheb, u kallu :

" Niżżiċħajr, sinjur!... Iva, ma niċħadlecx ; uliedi lħakt ħallejthom bil ġugħ ! " ŭieġbu Ġorîs Hopsman. Sellimlu u daħal il Monti ta Bartens jistaksi għalih.

" M'hux haŭn, " kallu li scrivan. " L'actarx li issibu mill bieb l'ieħor, fejn għandu l'uffizzju tiegħu għalih. Jecc trid, nŭasslec jien, ngħaddic minn geŭŭa, biex ma tokogħdx tarġa toħroġ f'it-triek. "

Hopsman iżżiehħajr u bakagħ dieħel miegħu sa kuddiem il bieb tal uffizju ta's-sur Bartens :

" Hàbbat bil kaŭŭi, " kallu li scrivan ; " għaliex hu ftit u xejn trux. "

Ġorîs ħàbbat għal darba tnejn, sachemm l'ieħor ŭieġbu minn geŭŭa :

" Għaddi ! "

Sâb ruħu kuddiem is-sur Bartens. Il banchier daŭŭar ŭiċċu lejh, u staksih :

" X'għandna ?... X'nista nagħmel għalic ? "

" Talbuni inŭassallec din is-sorra f'idejc ! "

" Collox seŭŭa ; imma, mîn bagħtec biha ? "

" Ma nafx ngħidlec, Sinjur ! "

" Chif ?... ma tafx !... "

" Cont kiegħed haŭn barra, bisŭit il Banca, x'ħin resak ŭieħed lejja, u ankas nafu ; chellu sorra f'îdu, talabni inneŭŭilhielec minn idejja għall idejc, u jien ŭegħidtu l'inŭassalhielec. Xejn actar ma nâf ! "

Seŭseŭŭ fil ħin illi dic is-sorra għaddiet mn'idejn Hopsman f'ta Bartens, dan nzerta daŭŭar ŭiċċu lejn it-tieka u lemaħ xiħadd iħares il geŭŭa m'it-tieka li chienet tati fuk it-triek, u rah jitbiegħed minnufih.

Chien u collox ser igħid xiħaġa ; iżda, billi ragel tal għakal, żamm il-lsienu u bèda idaŭŭar is-sorra ta taħt fuk bil fehma li jitchixxef mîn bagħatha. Ma satagħ jakbad ebda tarf ta xejn. Dâr lejn mîn chellu kuddiemu bi tbissima ħelŭa, li ma cont tittennieha minnu billi il bixla tiegħu actarx kalila jeŭ le :

" Ma jidhirlix li għandi għaliex nitħasseb minnec u ankas milli għidtli ; iżda, minn għalija, la darba ma nafx minn bagħatha, is-sorra ma nieħodhiex. Nitolboc, mela, treġġagħha l'ura lil mîn tahielec. "

" Imma, issa jien ma nafx fejn immur nsibu ! "

" Din, ibni, m'bix biccia tiegħi ! " ŭieġbu il banchier; u ser jakbad il pinna f'îdu biex jissocta jicteb. " Ma messecx mort ħaddtha xejn minn idejn mîn ma tafux; u l'ieħor satagħ giè biha hu, bla ma kagħad itieha lilec. "

Meta ra hecc, niżżel rasu, sellem u ħareġ l'imsejchen Hopsman, bla ma jâf fejn jibda jati rasu. Dar darbtejn tlieta il fuk u l'isfel ma 't-triek, iddaŭŭar chemm satagħ, jara il ħaddiema għaddejjin, il bibjien jingħalku. Il ħin dieħel, bèda iroxx id-dlam, id-dŭal ta't-torok jixegħlgħuhom ; fl'aħħar, rasu mgħazza, telak lejn daru :

" Marì tiegħi u uliedi nistħajjilhom bdeŭ jitħassbu fuki, jaraŭni iddaŭŭart dakshecc ma ninġàbar ! " kâl bejnu u bejn ruħu dac ir-ragel.

Għadda minn ħafna triekat, ŭaħda actar imŭarrba mn'oħra, sa ŭasal f'cherrejja ; talagħ it-taraġ tnejn tnejn, u fetaħ bieb, il fuk il fuk, taħt sakaf ta bejt.

---

## II.

Dan Hopsman chien igħammar ma martu u uliedu f'dakxejn ta żeuġt icmamar taħt is-sakaf tal bejt ta cherrejja imŭarrba; il egħmara, ta fkajjar li chien; iżda, collox nadif. Martu sabha trakkagħ xi lbiesi ta tfâl; u iż-żeŭġ uliedu, tifel u tifla, bi ctieb f'idejhom jakraŭ chif jistgħu b'id-daŭl ineŭnem ta mnara fuk tarf il mejda mifruxa, imma bla ebda xejn ta ichel fukha.

"U hecc, Ġorîs, f'ħajjet Alla l'int gejt, għaliex kbadt nimla rasi rajtec iddaŭŭart dakshecc!" kaltlu Marì tifraħ bih, ŭakt illi uliedu igħannkugħ.

"Ma nistagħġeb xejn, Marì; chellec biex, côs, għaliex domt tasseŭ ma ninġabar!" ŭiegibha żeŭġha. "Ġratli ŭaħda tinchiteb, u nsejt li chelli ngîb xiħaġa tal ichel miegħi... Isma, Stejfen; ħa daŭn il ħmistax rbiegħi, u inżel ixtri ħbiżtejn, ukitejn immellaħ u ftit tè, u fil ŭakt jien nokogħd ngħid l'ommoc fuk li żammni u iddaŭŭart barra."

Stejfen għameż lil oħtu, u it-tnejn telku l'isfel ferħanin li ma ngħidilcomx, għaliex, jaħasra, chienu îlhom ma jieclu xiħaġa għal kalbhom. Ġorîs dar lejn martu jitbissem, ħareġ minn butu il bkija tal flûs li chellu, u kegħedha fuk il mejda.

"Ma nistagħx nifhem chif setgħu taŭc dac collu fuk iċ-ċurchett li mort tirgħan, Ġorîs!" kaltlu Marì, mistagħġba tilmaħl kuddiemha ukija ta'd-deheb tlekk ma genb il ftit ta 'ż-żgħâr l'oħra li chien fadallu.

"Dalŭakt tcun tâf collox!" ŭiegibha żeŭġha.

U Ġorîs kalìlha ħaġa b'ħaġa li għadda minn għalih ma 'n-nofs ta nhar, u l'intcom issa ġa tafuh. Martu kagħdet tisimgħu bla xejn ma tniffset.

" U issa, Marì, x'għandna nagħmlu ? " staksieha. " Tgħid, hux aħjar immur bilġri b'din is-sorra il corp tal għassa u nitlakha f'idejn li Spettur ? X'jidhirlec? "

" Miegħec ngħid jien ! Imma, il ħin daħal bosta u ma tafx ma mîn tiltaka'. Tmur għâda filgħodu, eh? "

" Côs, ma jiex chelli niltaka' hux, Marì, il-lejla ! Chemchemm ma itinix niftaħha din is-sorra, u nara nsibx isem mîn bagħatha u narġa ntihielu f'idejh, bla ma 'mmur xejn il għassa ! "

"X'irid icun, Ġorîs! Aħjar, iva; x'jista icun fiha ? Ma naħsibx li fiha xi bomba ! "

" Seŭseŭ, is-sur Bartens għandu icun li għaddielu dan minn moħħu, biex ngħidlec ; u fuk hecc li ma riedx icollu x'jaksam magħha ! " ŭiegibha Hopsman. " Mîn tahieli f'idejja, ma nagħmlux ŭiċċ ta hecc! U le... niftħuha, ma għandniex il għaliex nibżgħu, Marì!"

" Nittenneŭ, talankas, li it-tfâl imorru jorkdu ; u mbagħd, minn'na l'Alla... niftħuha. "

X'ħin chielu, u chienu hilhom, jaħasra, ma jieclu għal kalbhom bħal dic il-lejla, it-tfâl nġàbru jorkdu. Hopsman ħareġ il mûs, katagħ ir-rumnell ta madŭar is-sorra, u kabad iħoll. Ŭara li ŭarrab ħafna carti, ltaka' ma nforra tal gild, u isibħa mimliha b'ic-cèduli tal banc ! Igħodd, igħodd : sâb li chienu sittin elf franc, li jagħmlu elfejn u erba' mitt lira tagħna, jeŭ tmienja u għoxrin elf u tminn mitt scût. *

Daks chemm stagħġbu Ġorîs u Marì isibu dac il

* *In-Nru. 119 ta daŭn il "Cotba tal Mogħdija taż-Żmien " icun jisŭielcom is-sèna li gejja, chemm il darba tibdeŭ mn'issa titgħallmu minn fuku, dan il Għadd bil Għaxra.*

gîd collu misrur f'nitfa sorra u l'actar b'mîn telakhom hecc f'idejn il barranin, daskhecc ieħor beżgħu li ma il-lejl jisirkulhomlhom. Ġorîs ried jitlak bihom minnufih għal għand is-sur Bartens; imma, martu ma ħallietux li ma jisirkuhx ma't-triek.

" Naħbuhom geŭŭa ic-ċumnija sa għâda filgħodu, Ġorîs; la jisbaħ seŭŭa, mbagħd, mûr bihom għand il banchier. "

" Tajjeb, Marì; u nittamaŭ illi issa is-sur Bartens ma tmurx tigih bi tkila iżommhom; ma għandux, le, mnjiex jokgħod jibża! " kâl Ġorîs.

L'għâda, ħàbta ta xi id-disgħa, il banchier tasallu ittra. Chien seŭseŭŭ kiegħed jakraha it-tieni darba, x'ħin jilmaħ lil Hopsman kuddiemu.

Il ittra chienet tgħid hecc:

*Sur Bartens,*

*Hmistax il sèna ìlu, int ndunajt li ŭieħed minn nies li miegħec, li katt ma cont tobsor bih, chien seraklec ħafna flûs b'cambiali falża li niżżel ismec fiha. Inti ridt tħarrcu u tixħtu il ħabs, chif chien tasseŭ jistħokklu. Nistkarlec li jien cont l'imxejt ħażin miegħec!*

*Tlakt għall Amerchi, u ħallastha għalli għamilt. Bdejt biex tlift colma jien sraktlec; ma nistax nfissirlec it-tbatijiet li batejt — il ħabs jeŭ il meŭt, cont chiecu nħosshom bosta-ankas! Għal għaxar snîn sħâħ, batejt il ġugħ u il bard, u ruħi lejl u nhar tnigghiżni dejjem. Ndimt għal ħtijieti; Alla l'imbierec ħenn għalija, xortija egħnitni, u rġajt kbadt il lant. Għal ħames snîn, klajt flûs chemm ridt; ic-ċomb f'idejja chien isirli deheb! U issa, la darba għandi mnejn, l'eŭŭel ħaġa ridt nroddloc bl'imgħax dac li sraktlec ħmistax il sèna ìlu.*

*Xtakt ntihomloc minn îdi għall idec; sthajt nidher kuddiemec, u m'hux le bżajt li tħarricni; nafec biżżejjed li int m'intix sejjer issa tagħmel ħaġa bħal din, la darba ncun raddejtlec ħŭejjgec. Ltkajt il-bieraħ ma' ŭieħed li ankas biss cont nafu; malli rajtu, għaraftu b'ragel seŭŭa, tlaktlu f'idejh is-sorra b'sittin elf franc u tlabtu ineŭŭilhomloc. X'ħin m'it-tieka rajtu jitlakhom f'idejc, bilġri ŭarrabt minn kuddiem l'uffizzju tiegħec; u fil ħin li tcun kiegħed takra din l'ittra, jien ncun sifirt lejn l'Amerchi. Alla l'imbierec icattarlec il gîd li għandec, u jien nitolboc maħfra talli gibt ruħi ħażin miegħec.*

Marcò.

Meta il Banchier rafagħ għainejh minn fuk l'ittra u ra kuddiemu lil Ġorîs Hopsman, bħal nħasad:

"Katt ma bsart li narġa narac!... U int, chif sibt ruħec haŭn, ankas biss ħassejtec dieħel? "

"Darbtejn ħabbàt, " kallu Hopsman itemtem. "Iżda, billi ħadd ma ŭiegibni, u chelli mitt sèna sa neħles milli għandi fuki, bla ma kgħadt naħsibha xejn ftaħt il bieb. Aħfirli! "

"Rġajt b'dic is-sorra f'îdec? " staksieh il banchier bi tbissima fuk xoftejh u ticmixa fuk ġbinu.

"Iva, sur Bartens... u għandi tâma li ma tarġax tibagħtni l'ura biha din id-darba! X'ħin haŭn il-lejl dħalt id-dâr u semmejt lil marti fuk li ġrali, bkajna bejnietna li ma's-sebħ nibka sejjer b'is-sorra għand li Spettur tal pulizija. Imma, mbagħd ħsibnieha u rajna li aħjar chiecu niftħuha u mîn jâf nsibux isem mîn hi, biex nerġgħu nrodduhielu. Bkajna nħârsu lejn xulxin, niexfin bil għageb, meta sibnieha bil flûs u xejn isem ta mîn bagħatha. Is-sittin elf franc li sibna

fiha, haŭn huma, sur Bartens; hu mîn hu, lilec bagħathom. Nitolboc tgħoddhom u tara humiex seŭŭa. ”

Il banchier għadd il flûs, u' mbagħd dar lejh bl'ittra f'îdu, u kallu :

“ Il flûs seŭŭa; din il ittra fehmitni collox ! ”

Ġorîs Hopsman bakagħ ħin ŭieħed bla ma tħarrec; m'hux le biex jitħallas, għaliex ankas biss ma għaddielu minn moħħu; imma, bħalchiecu chien jittenna talankas illi il banchier miżżiehħajr. Meta deherlu ma chien hemm xejn mill ġdid, fetaħ il bieb kalkajl u telak il barra, u jistagħgeb li ankas chelm' oħra ma ħarget minn fommu is-sur Bartens!

Iżda, il fehma tiegħu is-sur Bartens, Ġorîs ma satagħ jobsorha. X'għamel il banchier ? Hecc chif Ġorîs ħareġ minn għandu, cencel u sejjaħ lil ŭieħed mill ħafna scrivani li chellu, u riedu jitlak minnufih, u jibka sejjer għall urajh bla ma jurih, biex icun jâf igħidlu fejn jokogħd b'daru. Is-sur Bartens chien jilħaklu biżżejjed biex jifhem li Ġorîs sejjer igħid lil martu chif bakgħet il biċċa.

Li scrivan, daks nofs-siegħa ŭara, rèġa l'ura għand il banchier. Is-sur Bartens bakagħ sejjer għand Ġorîs Hopsman. Sabu jitħadded mal màra b'ħerka cbira.

“Naħseb li contu kiegħdin issemmu fuki!” kalilhom bla sliem. “ Imma, jien m'injiex le ta bla kalb, chif stajtu ħsibtu fija ! ”

Talbuh jokgħod bilkiegħda:

“ Gejt, ” issocta igħid lil Ġorîs, biex chiecu ncun nâf xiħaġ'oħra fuk mîn lilec telaklec f'idejc daŭc il flejjes collha. Għidli, nitolboc, colma tâf fuku. ”

Ġorîs rèġa tennielu dac li kallu haŭn il-lejl.

“ U int ma għaddielec xejn minn moħħoc li chiecu

iżżommu int dac il gìd collu? " staksieh Bartens; u iħares madŭaru bla ma jati fil għajn, u jaralhom collox nadif għâd li ta fkâr li chienu.

" Imma, chif stajna, la darba m'hux ħŭejjiġna? " ŭieġbuh it-tnejn f'nifs ŭieħed, Ġorîs u martu.

Il banchier tbissem jidħac:

" U int, " dar lejn Ġorîs Hopsman, " chif chien li ma għandec xejn x'tagħmel, ragel b'saħtec, għâdec fl'aħjar tiegħec u tal għakal ħafna? "

" Sa bħal sa sèna, cont għâdni mal banchier Scarrò fil belt ta Amsterdam; u dan falla u giè f'ix-xejn..."

" Iva, niftacar!... "

" Dac li chelli, m'hux ħŭejjeġ cbâr, chien għandu bl'imgħax... tlift collox!... "

" Hecc ma jakbilx!... "

" Gejna haŭn, b'it-tâma li jien nsìb xi xogħol... Tħabatt ħafna... ma sibt nidħol ma ħadd..."

" U il-bieraħ egħnilli mort tirgħan xiħaġa..."

" Ħtieġli nakagħ għal dan... il ġugħ għafasna! "

" Naħseb li chienet l'eŭŭel darba... u l'aħħar, sur Hopsman!... U int tifhem xejn fil cambialijiet u hecc?"

Hopsman ħareġ minn ħobbu chemm il certificat u neŭŭilhomlu.

" B'daŭn il ittri, stajt îlec sibt mîn idaħħlec miegħu; imma, aħna ta Haarlem, nies l'indumu naħsbuha ŭisk x'ħin icollna ndaħħlu magħna ŭieħed minn beld oħra. "

" Miegħec ngħid, sur Bartens! ma tlumhomx!..." tennielu Ġorîs.

" Imma, drabi jaħbat li ma nsibux chif irriduhom, u iż-żmien igħaddi bla ma ncunu daħħalna il ħadd. Bħalchiecu, issa jonkosni ŭieħed... Xahrejn îlu, mietli

il caxxier; dan chien jaklagħni ŭisk; u għâd li bosta talbuni jidħlu miegħi... Tridx chiecu, int?... X'tgħidli b'erba' mitt lira f'is-sèna, u jibdeŭ igħaddu minn mindu mietli l'ieħor?"

Ġorîs Hopsman bakagħ iħares lejh u lejn martu; u bħal tbicchem bil ferħ. Fejn katt chien jobsor biha din ix-xorti collha? B'id-dmugħ f'għainejh, Ġorîs ħ'aħħar ŭiegeb:

"Ngħidlec biss niżżichajr... chelma hi, sur Bartens!... Bl'imgieba tiegħi miegħec biss, ncun għâd nista nuric chemm nafulec!... Imma, dic li tibda tgħaddili il paga minn xahrejn l'haŭn, sur Bartens, dan ma jistħokklix, le, għaliex ma ħdimtx għalieha!"

"U ngħid tistħokklicx!" ŭieġbu il Banchier bi tbissima, li ried igħid biha *"talli ŭassaltli daŭc il flûs!"*

"Niżżiħajr l'Alla!" kalet Marì lil żeŭġha, x'ħin is-sur Bartens sellmilhom u chien ħiereġ.

"Iva, l'Alla!" tennielha is-sur Bartens. "Dejjem u f'collox mbiercu l'Alla, għaliex Hu imexxi il bniedem għal fehmjiet tiegħu mkaddsa!"

***

Sentejn ŭara din il ġrajja, il banca ta's-sur Bartens, bdiet tissejjaħ "Bartens u Hopsman" għaliex għamlu bi sħâb, u għâdha sa'l-lum iggîb dan l'isem. U tarġa, ulied Bartens u ulied Hopsman tħalltu ma xulxin u actar saru ħaġa ŭaħda, u colħadd bakagħ igibhom fuk l'idejn għall mgiba it-tajjba tagħhom u għal mħabba tagħhom lejn il fokra. Nies aħjar minnhom, ma hemmx fl'Ulanda chif iddur.

Don C. F. ISOLA

# FIL KORTI MINCHEJJA FIH

FARSA F'ATT ŬIEHED

Mfissra bil malti minn ALF. M. GALEA

## Fuk il Palc

MAROZZ, *iż-żiju ta*
DUMINC, *avucat minchejja fih*

| | |
|---|---|
| CÔLA<br>GIALANDRI<br>PATIST<br>NAZJU<br>LUŻAR | } *ħbieb iħobbu jimbxu* |

Erba' minn nies ta'x-xogħol
Bidell
Sottacôc f'ħanut tal ichel.

## ATT ŬIEĦED

*Dakxejn ta camra bla egħmara, żeŭġ siggijiet u mejda żgħira, nforor ta żeŭġ putruni u nforra ta sufan, gabarrè taŭŭali, dakxejn ta tapît mixħut chif ġiè ġiè fuk il mejda, u gandlier b'ix-xemgħa mixgħula.*

# FIL KORTI MINCHEJJA FIH

FARSA F'ATT ŬIEĦED

---

## L'EŬŬEL XENA

DUMINC *u* COLA

C. Ma nafx chif narac il-lum, Duminc ruħi kalbi!... mifxul, ħusbien... mgħaxxex!... Din x'bicċa hi? Mîn katt râc hecc? Int dejjem fuk ruħec, lvent, dħuli, donnoc ġamra nâr, u il-lum colloc bìża miegħec! Iva, Duminc, għidli ftit, xi ġralec? Ma nagħmlux li dac l'imbierec ta zijuc chitiblec xi ittra minn tiegħu... bħalchiecu li ma irid iħallilec xejn ŭara meŭtu?... Iva, tihieli nakraha din il ittra ta's-sur Marozz, trid?

D. U le, biex gejj issa, Côl?

C. Iva, mela, x'inhù dan tiegħec?... X'daħallec f'moħħoc biex jaktagħlec il ġugħ?...

D. Għidtlec li xejn.

C. Chif, xejn?... xiħaġa għandec, la tlumnix! Ma nagħmlux li geŭ kalulec illi il Bej ta Tunes iħoss għokla f'kalbu fuk li Tripli sejjra takagħ taħt idejn l'insara?

D. Tridx tħallina m'iċ-ċajt, issa, Côl?
C. Nagħmel mħatra li smajt illi is-Sultan ta't-Toroc, ŭakegħtlu il pipa x'ħin kalulu...
D. Issa, ħej, għoddoc dejjaktni! La darba trid tâfha, ngħidlec illi nħossni ser ninkasam...
C. Stenna... stenna ftit, mela, ħalli immur għa's-sillâr biex iħitec minnufiħ ..
D. Afli sejjrin icollna xi ngħidu, Côl! Trid tiscot, għaliex iż-żejjed mbidded, igħid il Malti. Tafx li il-lejla...
C. Kiegħdin jittenneŭc biex takralhom il poeżiji tiegħec; u int, âfli, kiegħed tiddaŭŭar!
D. Imm'int, tâf xejn li chienu jonksu xi ftit tal mobbli suriet in-nies?
C. Iva, dan cont nafu. Nâf ucoll l'int sliftilhom żeŭġ putruni u sufan u il mejda it-tonda li chellec f'din is-sala.
D. Chien tahomli...
C. Nâf ucoll; tahomloc iz-ziju Marozz, hux hecc?
D. Tafx li dan l'imbierec ta zijŭi sejjer jasalli il-lejla ma't-trên ta't-8½?
C. U fuk hecc l'int, mela, kiegħed tiddejjak? Puuh!
D. Jidhirlec li ma għandix fukjiex, eh?
C. Minn għalija jistgħu jiġu haŭn chemm zijiet iridu, u m'hux mill Italja biss, imma mill Amerchi ucoll, tibda m'iz-ziju ta Adam sa'z-ziju Marozz.
D. Għidtlec li sejjer ittellagħhomli b'daŭn il csuħât tiegħec il-lejla!
C. Jakaŭ, eh? tridni niddejjak bħalec, eh?
D. U le, m'hux hecc! Għidli, isa, x'nista nagħmel.
C. Ħaġa żgħira!
D. Imma, ħin ma fadalx! f'it-8½ tibda l'Accademja.

C. Collox seŭŭa!

D. U jecc iz-ziju icun irid jinġàbar id-dâr?

C. Mbagħd x'icun ġàra?

D. Ma isîbx il mobbli!

C. U mbagħd x'ser jiġri?

D. Għidtha int!... Ma jiġri xejn! Ma jiġrix lilec, għax piaciacu! Bħalchiecu, tâf, m'hu xejn, jiġi haŭn iz-ziju, u jara is-sala fiergħa, u tibda tisma minn fommu daŭn il cliem: "Ej, sur nepputi, il mobbli fejn mort bihom?" U jien, hux, nibka nħares lejh bħal għageb tal presepju, hux?... U iz-ziju icun irid jâf x'għamilt bihom; u jien tridni ma ngħidlux li slifthom għall accademja? U mbagħd iz-ziju jibda idokk: "Ah, sur nepputi, hecc tagħmel, eh? jigifieri jien rabbejtec, jien għamiltec ragel, jien laħħaktec avucat, u int, eh? tlaktni, nsejtni, moħħoc biss f'dic il poeżija ta rasec. Eh! sur nepputi ta bla kalb, sur nepputi bla mistħija; issa ma'rridx nâf iżjed bîc.. mûr, mûr, ma għandix x'irridec!"

C. U int mellislu xi ftit, u għidlu bħallichiecu hecc: "Ziju ta kalbi, ziju tal ħelu daks iz-zoccor candju; int għalija bħal dic iż-żiffa riħ ta filgħaxija ŭara is-sħana kalila ta'x-xemx; int il ħajja tiegħi għaliex int collox għalija; int gibtni il kuddiem, int is-sultan ta'z-zijiet u l'akŭa fosthom,int ma haŭn bħalec; int..."

D. Imma chemm jiflaħ ilablab il-lsienec, Côl? Bħalchiecu, hux, iz-ziju ma idurx daŭra fuki igħidli: "U int, din il poeżija tiegħec xi tridha? x'tittenna minnha?... Ħobż ma'ttiex u ankas mobbli! Ma tafx li *Carmina non dant panem sed aliquando*

*famem.* " Jigini b'dan il latin tiegħu biex bħallichiecu, tâf, ifehemni aħjar li il poeżija bla ħobż tħallini bil ġugħ, u nitrejjak b'ir-riħ ! U arani, irrid jeŭ ma'rridx, ndokk li scotti bil ligijiet u il krati u daŭc il cotba ħoxnin u collhom trabijiet tal avucati u in-nutari... aħ! chemm jien xortija ħażina, Côl; u int tigi issa tgħaddi iż-żmien bija minn fuk ! Offja għalic, x'ħabib int !

B'in-nâr tħoss kalbec
Tixgħel bl'imħabba
Tal poeżija; ŭakt li fil krati
Trid ticser rasec mal avucati !

Le, le, da'x-xogħol,
Ma igħoddx għalija;
U jecc iz-ziju,
Ma iridx jâf biha
Li il cotba nkatta
Ta'c-citazzioni,
Nitlak u naħrab:
Din m'hix azzjoni !

C. Ma contx nâf daks chemm tinkala' biex tkabbel, Duminc! Chiecu iz-ziju semgħec tfajjar dan ixxrâr collu, naħseb li cont iddaŭŭru għa'x-xeŭkât ta kalbec!

D. Côla tiegħi tal kalb, ruħ ta ruħi, fejn katt chelli ħabib li bħalec jifhimni! Għini dakxejn ŭaħda neħles m'iz-ziju; għidli chif nagħmel biex ma jintebaħx li il mobbli slifthom, u talankas din iddarba neħlisha b'ŭiċċ il gîd.

C. Ngħidlec is-seŭŭa, ma nafx x'nakbad npasparlec.

D. Chif? dakshecc għandec kalbec jiebsa? X'ħabib int, Côl, titlakni ŭaħdi... da'l ħin tal akŭa tiġrib

għalija?... Int ucoll ser iddur fuki, bħal ħmâr il magħcus? Offja għalic x'int ragel!

L'għaliex, Côl, ma nistagħx jiena
Sjŭf ta'n-nâr nitlak nfajjar,
X'ħin poeti hecc kalbiena,
Xiħadd nara ilumhom tħajjar?
Jien nurih!... ntieh ftit x'jixrob
Mîn joħroġli b'dil ħmerija;
B'daŭn idejja irrid jien nidrob
Mîn igħidli "U dina x'fiha!"
L'ilcoll, iva, xtakt nuricom
Chemm hu kaŭŭi dan in-nâr,
L'inħoss dejjem jien għalicom,
Jixgħel fŭaŭar lejl u nhar!

C. Issa, Duminc ta kalbi, sejjer nibda nitbażża li dic rasec bdiet iddur... (*idaŭŭar îdu bħal raddiena*)

D. Seŭŭa ngħid jien! Ara, ara chif teħduha il ħaġa! Aħna il poeti, illi il ħajja tagħna il poeżija, taħsbuna razzet l'imgienen! Staksi lil daŭc li jafu ikabblu fuk il chitarra, jecc din in-nâmra timlilhomx kalbhom bil hena, u mbagħd taraŭ chienux mgienen daŭc il għorrief tal anticament li bakgħu jissemmeŭ għal għerf ta't-takbil tagħhom. Ridtec chiecu miġnun bħalhom, int, Côl, biex naraŭ mbagħd tgħidlix li moħħi mimli b'irriħ! Iva, iva, il-lejla li cont... li sejjer dalŭakt nakta sàndar, int minn naħa b'iċ-ċajt tiegħec u iz-ziju mill l'oħra... sejjrin tħassruli il borma!

Int Ovidju u int Omeru
U int il għaref ta Pindèru,
Fittxu isaŭ u eħilsuni
M'it-tiġrib ta'z-ziju Marozz!

C. Eħles int l'aħjar, Duminc ta kalbi, il għaliex jien sibt...

D. X'sibt jakaŭ?... Fittex għidli! Chemm se'ddum?
Kalb ta kalbi, Côla tiegħi,
Chemm nħobboc; m'haŭnx għalic!
Għaggel, isa, żmien la titlef
Biex dlonc beŭsa jien natic.
Isa, għaggel, jeŭ nchella
Riħ igħaddili minn ta dic! *(jinżel għarcubtejh)*
Haŭn f'riġlejc, hecc chif tarani,
Jecc ma teħles, naka' u immut!

C. U eħles u mûr għand iz-ziju, għidtlec!

D. U mbaghd?

C. Ara chif tagħmel u daŭŭru jigi miegħec...

D. Mel'int iggennint?

C. Ma nifhimx!

D. Malli naħbat nsemmilu fuk l'Accademja, dic is-siegħa jicsirha miegħi, ma tarax!

C. Isma', Duminc, għâd illi dan iz ziju tiegħec ma iridx jâf biha bin il poeżija, x'ħin jara chemm tinkala' u chemm tcun ħriġt ta ragel, u colħadd ifaħħrec u igibec fuk idejh, u igħidulu li dalŭakt tilħak surmast bil mustacci...

D. Ser targa bil bluhât, Côl? Għâdec ma xbajtx?... M'hux għaliex chiecu, tâf *(jitchessaħ mimli bih in-nifsu)*; imma, donnha ħolma din tiegħi li jista katt icun ill'iz-ziju Marozz... Le, le, haŭnecc icun irid jigi...

C. U iva... daħħallu f'rasu li haŭn il ħâres u il fatati u nannjiet il babaŭ collha...

D. Tridni nbellagħhielu bħalchiecu tazz' ilma din tal fatati; jabbni, tâf, bħal xejn sejjer jiemminni!

Igħajjarni miġnun, jitcaża bija u jigi haŭn xorta ŭaħda! Haŭn!... haŭn, tafx!

C. M'hux għaliex chiecu ma jistagħx icun...

D. Ankas biss ma'rrid naħseb!

C. Xi ftietak issîb dejjem x'taklagħlu.

D. Imma jien irrid nâf chif sejjer immur jien; ħsiebu iz-ziju, jecc ma iridx jigi l'Accademja!

C. Għidlu li għandec tiltaka' ma oħrajn.

D. Isma'... tâf x'hemm mill ġdid, jecc ma tridx tmur int, immur jien li stazzjon!

C. Ser tgħarrakli collox... ser tagħmilli froġa!

D. Il-lejl a m'aħniex ser niftiehmu! Iva, nitlak! kiegħed tgħaggilni iż-żejjed!

C. X'ingħaġġlec?... ngħaġġlec?... Ma tarax li korbu it-tmienja u cŭart.

D. (*igħanni*) Arani sejjer
Dalŭakt ntîr!
La la la rira
La la la... bìr!
F'idejc nkiegħed
Jiena xortija;
Minnec nittenna
Il hena u'l bkija! (*jitlak*)

## IT-TIENI XENA

CÔLA *ŭaħdu*

Nibchih lil Duminc! fih ħasra tasseŭ. Daks chemm jinkala' biex ikabbel u l'għakal li għandu, għajb għalih dan zijuh iridu jagħmilha ta avucat. Il krati! b'it-takbil biss, ma tagħmel xejn għal krati. Le, le, ma igħoddx għalih dan ix-xogħol. Issa, bħalchiecu, il bieraħt l'ura, ŭakt li kuddiem l'imħallef chien kiegħed jara chif iŭakka cuntratt li parruccian tiegħu mâr għamel ma ŭieħed Lhudi b'imgħâx ta 's-sittin fil mija fuk xi flûs l'issellef minn għandu, fl'aħjar tal caŭża, ħariġlec b'sunett, sabiħ chemm tridu, imma daħħac lil colħadd; u sa l'imħallef, għâd li għamel chemm satagħ biex iżomm, nfexx f'daħca hua ucoll! Eh, jaħasra, jaħtieġ jifhimha dan zijuh ...dnub jitilfu f'nofs il krati lil Duminc, u... Gejjin sħâbna, arahom, għoddhom ŭaslu.

---

## IT-TIELET XENA

GIALANDRI, PATIST, NAZJU *u l'ieħor*

P. Nista nidħol?

N. U Duminc fejn mâr?

G. Isa, għaġġlu, għax tal Accademja...

P. Iva, fejn mâr staħba?
C. Għâdu il ħin; din l'għaġla tagħcom għalfejn?
N. Ara dan!... Afli it-8½! (*jurihom l'arloġġ*)
C. Kabel it-8... u ½ ma jibdeŭx (*jixref m'it-tieka*)
P. Iva, ma dan collu, Duminc fejn hu?
C. Eħ... ŭisk nibża li il-lejla...
G. Iva, tridx tgħid li għandec tgħid?
N. X'inkala' mill ġdid?
P. Eħlisna, Côl! Chemm kiegħed iggibha bi cbira?
N. Jakaŭ marid?
C. U lè, biex gejj?
G. Mela, għid!
C. Għaliex il-lejla, dalŭakt jasal... is-sur Marożż ta Ċlampu, biex igħaddi gimgħa ma 'n-nepputi.
P. Nagħdru lil Duminc, jaħasra!
N. Issa froġa!
G. Il ftira sħuna tiecolha.!
P. Nistgħu immorru nsakku il ħjar,
Għax jaħbtilna bosta aħjar!
Din il biccia chien jonkosna:
Katt ma bsarna chemm hi ħoxna!
Għax ma marx dic rasu itajjar,
F'loc bil ligi 'l Mincu iħajjar?
Għarrakhielna is-sur Marozz,
Aħjar kabeż ġo xi foss!

# IR-RABA' XENA

LUŻAR *u sħabu*

L. (*jidħol mgħaggel*) Tafu xejn?... Aktgħu!
ILCOLL. Jakaŭ?...
L. Rajt... rajt... Mħatra ma taktgħux lil mîn?
C. Mîn?
L. Lil Duminc ma zijuh!
C. Gejjin l'ħaŭn?
L. Iva, dalŭakt jaslu.
C. Chif ser nagħmlu issa? (*jitħasseb*)
G. Jecc jiġu haŭn, ħażin naħbtu.
P. Collox imur il baħar!
C. Nibchi lil Duminc! (*ħusbien dejjem*)
N. Telgħin it-taraġ!
C. Ħsibtha!
G. X'inhù?
C. Int, Patist, isa, idħol geŭŭa l'inforra tal putruna f'die ir-rocna.
P. Dan chif?
C. Għamel li għidtlec, ħa, isa! (*jinxteħed fl'art la torca u jiftaħ dirgħajh, bħalchiecu dirgħajn il putruna*)
P. Fhimtec! (*imur jokgħod chif kallu*)
C. Ara titħarrec, tâf (*u igħattih bl'inforra tal putruna*)
P. U chemm ser icolli ndum hecc?
C. Int, issa, Gialandrì.
G. Din, iva, biċċa li katt ma nchitbet! (*jagħmel bħal sieħbu*)
C. Għandna żeŭġ putruni!
N. Ma haŭnx għalic, Côl!

C. U int, Nâz, issir nofs is-sufan; u Lużar, in-nofs l'ieħor. Hecc, żommu îd b'îd, bla ma titħarrcu. Ara terħu, tafux! *(igħattieħom b'dic l'inforra ta sufan, u isîb ruħu ŭaħdu bejn sufan u żeŭġ putruni)*

L. U chemm fehsiebec iżżommna hecc?

C. Iss! iscot, għax ŭaslu. Bilħakk, chien haŭn mejda taŭŭalija!... *(jieħu il gabarrè, igħattih b'tapit, ikiegħdu fuk rasu, jitfi id-daŭl u jistaħba taħtu)*

---

## IL HAMES XENA

MAROZZ *u* DUMINC, *u l'oħrajn moħbijin.*

M. *(hua u dieħel)* Imm'int bil ħsieb tgħaddi iż-żmien bija il-lejla, gejj bil babaŭ u il ŭaħx u daŭn il ħafna bluhât?

D. Zi, kiegħed ngħidlec is-seŭŭa; minn għalija li haŭn il fatati ħaŭngeŭ *(ichebbes suffarina u igħid ŭaħdu)*: X'jien nara?... jakaŭ kiegħed noħlom? *(u ikiegħed ix-xemgħa fuk it-tapit li taħtu mistoħbi Côla)*

M. Chif jista icun l'int kiegħed temmen illi dan li għidtli hu minnu?...

D. (Dan Côla ħażin daks xiadin!... Imma, chif għamel giebhom haŭn il mobbli?)

M. *(icun sejjer jokogħd bilkiegħda fuk putruna, u din tŭarrablu)* Hallini minnec, Duminc; ejj, nokogħ-

du ftit bilkiegħda (*jaka' bilkiegħda fl'art*) Ajma !

D. (Issa kiegħed nifhimha !) Zi, xi ġralec ? (*imur igħinu ikum*)

M. Xejn, xejn, Duminc, ħsibt li il putruna chienet actar ilhaŭn ; ma kisthiex seŭŭa, ukajt...

D. Rajt, zi, hux tasseŭ haŭn il fatati !

M. Narġa u ngħidlec li ma nemminx bihom ! (*iħoss mîn jokorsu minn taħt il putruna*) Aħ! dan x'inhu ?

D. Iva, zi, dan tiegħec il-lejla x'chien?

M. Kàrsa... aħ ! aħ !... f'riġli ! aħ !

D. Il briegħed, zi, għaliex tâf chemm haŭn !

M. Briegħed, ngħid !

D. Ara, zi, jecc issa int tħallini immur...

M. X'inhù ?... fejn ?...

D. Ser noħroġ dakxejn ŭaħda, u ma'ndumx ma narġa l'ura, la darba ma tibżagħx mill fatati.

M. Le, għidtlec, ma tmurx l'Accademja ta rasec ! (*u ixejjer il bastun u jolkot il mejda ; u ma'd-dakka, ix-xemgħa taka' u id-daŭl jintàfa*)

C. (*minn taħt*) Aħ, għamilthieli, ja xiħ l'int ; cont għoddoc csirtli l'imfietaħ ! (*u fil ħin, il mobbli jibdeŭ jitħarrcu u iduru mal camra ; jagħmlu ħsejjes b'idejhom u b'sakajhom u jaħbtu ma Marozz ; u dan mbażża, irid ifittex mnejn jaħrab u igħajjat*) : Aħ ! il fatati, il ŭaħx, il ħares, il babaŭ... Gîb id-daŭl, isa, Duminc ; ixgħel id-daŭl ! (*jaka' fl'art. X'ħin Duminc jixgħel is-suffarina, il mobbli ma jitħarrcux iżjed u jibgħu fejn jinsabu*)

D. (*ŭara li jixgħel ix-xemgħa u ikiegħedha fuk mejda tasseŭ, l'isîb f'rocna, igħin lil zijuh ikum mill art*) : Issa temmen, zi ?

M. Nħossni demmi sâr ilma ! Għidli din x'biċċa hi tal

camra, ħassejtha iddur bija daŭŭraddur, seŭ bħal żugraga!

D. Il fatati, zi!

M. U ħallini mill fatati... (chemchemm m'injiex ser nakbad nemmen, côs!)

D. Riedux jitħallsu minnec, zi, talli ma tridx temmen bihom?

M. U iva, ma ngħidx li... xi darba... *(ikiegħed il cappell fuk il mejda it-taŭŭalija)*

C. *(jitħarrec u iŭakkagħlu il cappell fl'art; u ŭakt li Duminc jinżel jierfgħu, Côla igħidlu)*: Isa, ara chif tagħmel ġagħlu imur f'is-sodda jeŭ ħudu miegħec l'Accademja, għax nħossni egħiejt.

D. Haŭn, zi! f'dic il camra *(jurih b'idu lejn il lemin)* ma hemmx fatati; aħjar tingàbar hemm... haŭn biss sa issa ħassejthom il ħsejjes tal fatati!

M. Ser nisma minnec, nepputi, kalb ta kalbi; immur hemm, iva... m'hux għax chiecu nibża, tâf. Ara, biex nuric li ma nibżax *(jaħbat ser jokogħd fuk putruna, u mîn hu geŭŭa l'inforra, icun ser igħannku)* X'ŭaħda din! *(jaħrab)* X'ŭaħda din; din id-darba issa tasseŭ li...

D. Aħjar tgħaggel, zi, u tmur fil camra l'oħra.

M. M'hux għaliex chiecu; imma... *(jokorsuh)* aħ... il briegħed... le... din kàrsa!

D. Haŭn briegħed bla ħniena f'din id-dâr, zi.

M. Iva, cont ser ngħidlec li ma nibż... *(icun ser jokogħd bilkiegħda f'nofs is-sufan, u jakagħlec fl' art)* Isa, nŭarrbu minn haŭn, Duminc, dan m'hux kgħâdna haŭn! Huma li huma, fatati, jeŭ le, ċajt, ħorsjien, sħarijiet, bluhât, il ŭaħx, huma li huma... għâd li ma nibżax, imma, bħal dac li kallu...

D. *(jimbuttah ħelu ħelu lejn il bieb minn tal lemin)* Isma minni, zi, mûr hemm geŭ u jien daŭakt miegħec; chemm immur u nigi biss biss...

M. Imma, m'hux għaliex chiecu... imma, ŭaħdi ma nokogħdx ħaŭn... għalchemm rasi ma chibritx!

D. Hemm geŭ ħadd ma jicsirlec rasec, zi.

M. Imma, jecc int...

D. Daŭakt tarġa tarani miegħec, zi!

M. Imma, jecc il fatati, jecc katt...

D. Jaħtieġli immur, issa, ziju ħa kalbi; sħabi jittenneŭni l'Accademja. Tridx tigi miegħi? Tafx chiecu chemm tixxala, zi... u jien...

M. Int?... int sejjer tmur u tħallini ŭaħdi?... tħallini ŭaħdi, ħe? Mel'int bla kalb?... U x'sejjer tieħu b'din il poeżija tiegħec? Tafx, ser takta sàndar; bħalchiecu Dante ma mietx itturufnat, u it-Tasso bħalchiecu ma mietx fi sptâr?... u... ma daħħaltliex f'rasec eħ, li "*pictores et cantores miserrime vivunt,*" illi jigifieri bil malti, għaliex il latin ma nsejtux, tâf! li mîn iħażżeż u mîn ikabbel igħix fil għacs?... Imm'int ma tafx li daŭn iż-żmienijiet li aħna fihom, jeŭ taħdem jeŭ tmut bil ġugħ? Daŭn il ħbieb tiegħec... eħ, ara il cumpannija il ħażina x'tagħmel, Duminc! Ftacar illi żmien'na, żmien il għacs!

D. Iva, zi, iż-żmien kalîl, kalîl ngħid, zi! Fuk hecc li jien irrid nħàbrec! Iva, zi, żmien il għacs, ngħid!

Għax iż-żmien li fih ninsabu,
Collu għaŭġ u frattarija:
Motocars u rôti u xŭabel,
Telegrâf bla ħajt... Mill bkija,

Seŭŭa dgħajjes chemm vapuri
Oskfa jagħmlu u ċangaturi,
Ciomb u balal, sjuf, canuni
U clamari u cucciaruni
Djar u borom tal ħadid!
U il kalb tagħna, maħbub ziju...
M'hix eŭŭilla tal ħalib!

M. Arġagħli b'dan it-takbil tiegħec, Duminc!... Int, int rasec jiebsa; int li tal ħadid! âfli, fl'aħħar, nagħmel li għandi nagħmel...

D. Int kalbec tajjba
Kalbec ħanina,
Ziju ta kalbi
Ziju ħanin;
Lejn dan l'imsejchen
Ta niputîc,
Daŭc għainejc daŭŭar
Tiegħec tal ħniena...
Biex chiecu jiena...

M. Issa iż-żejjed, Duminc; issa...

D. L'aħjar, iva, zi, l'aħjar tmur fil camra li ħejjejtlec; għandec is-sodda il ġmiel tagħha, friex ġdid fiamant, għandec il piġama ucoll, collox mill àbra. Daks nofs siegħ'oħra issibni miegħec, zi! *(jimbuttah ŭara il cŭinti)*

M. Ftacar arġ'ejja malajr, tafx! *(jitlak)*

D. Iva, iva, ħalli fi ħsiebi, ziju ta kalbi!

## IS-SITT XENA

DUMINC *u sħabu*

C. (*iŭarrab it-tapit*) Sa fl'aħħar! Mâr, hux?
D. Iva!
C. Ma jarġax jigi, hux?
D. Naħseb li għall issa, ma jiersakx l'haŭn.
C. Oħorġu minn geŭŭa l'inforor, l'aħŭa! (*ilcoll itajjru l'inforra minn fukhom*)
G. Ma flaħtx iżjed!
N. Rcubtejja nħosshom rakduli!
P. Dirgħajja donnhom m'humiex tiegħi actar.
L. Bħalchiecu xejn, minn bniedmin sirna putruni!
C. U tridu mbagħd tlumuni li daŭn il ħŭejjeġ m'hux ħobżna ta coljum? Bħalchiecu minn bniedem issir għasfur, u minn calandra issir bniedem, u hecc? Ma smajtuhiex xi darba f'is-sàfar?
D. Sejjer nħallicom, għaliex iż-żmien daħalli seŭŭa. Côl, nħalli collox f'idejc, daks chemm ħlistni ta ragel minn din il praspura. Saħħa għalicom! (*joħroġ u imur*)

## IS-SEBA' XENA

*Ilcoll, barra minn* Duminc

C. Chif aħna haŭn ħimchien tridux, f'loc ma immorru mill eŭŭel l'Accademja, nidħcu daħca u neħilsu lil Duminc minn dan il csir-ir-râs ta zijuh?
L. Biex gejj issa, Côl?
C. Ħalluni nħaŭŭadha jien il borma; b'nitfa tal bżar mal melħ, taraŭ x'tieclu!
G. Xi ŭaħd'oħra minn tiegħec, Côl!
C. Mela minn tiegħec, Galandrì?... Isa, ħallina m'iċċajt; ŭarrbu l'inforor, u oħorġu.
P. Iva, għidilna talankas x'ser tagħmel!
C. Dalŭakt tifhmu collox. Bħall issa, oħorġuli u stenneŭni hemm barra, fuk it-taraġ. (*colħadd joħroġ, barra minnu*)

---

## IT-TMINN XENA

Côla *u mbagħd* Marozz

C. Nista nidħol?... Ej, mîn hemm hemm geŭ; lilec kiegħed ngħid! (*iħabbat fil bieb tal camra l'oħra*) Ej, Duminc, tħallinix nittenna iżjed.
M. (*liebes bil piġama, barjola f'rasu u xemgħa f'îdu*) Mîn hemm?... x'ġàra issa! (Tgħid dan issa mîn hu?)

C. Jecc jogħġboc, għidlu l'is-sinjur li jien haŭn.
M. Imma jien, chif?... Imm'int, mîn int?
C. Ridtec tgħid lil sîd id-dâr, li jien gejt!
M. X'jien nara hemm?... (u il mobbli fejn għasfru?)
C. X'int tħares l'haŭn, donnoc...
M. Il mobbli fejn marru minn dac il ħin?
C. Il mobbli?... X'mobbli huma?
M. M'hux il mobbli... imma... il...
C. Sejjaħ lil sîd id-dâr, jecc jogħġboc, nclelè nitlak u immur, ħsiebec!
M. Imma, sîd id-dâr... bħall... issa...
C. Jakaŭ ħareġ?
M. Imm'int... int, mîn int?... Ma nagħmlux li (li ma chienx għaliex nibża minn xi fatat... imma, daŭn il mobbli chif ħariġhomli minn haŭn?)
C. M'hux lilec għandi ngħidlec mîn jien, fl'aħħar mill aħħar. Is-sur Duminc haŭn jeŭ m'hux haŭn?
M. Imma Duminc in-nepputi tiegħi, u m'hux...
C. Xorta ŭaħda!
M. Chif, xorta ŭaħda?
C. U iva!
M. U billi tgħidli li xorta!... Fejn huma il mobbli?... M'humiex għandec, hux?
C. U mela le?
M. U fejn mort bihom?
C. Chif, fejn mort bihom?... Hemm!... barra b'id-dakk!
M. Imma, hecc?... m'hux hecc isir! Daŭc il mobbli, tajthomlu jien l'in-nepputi... u....
C. B'dan, jien xejn ma nâf!... nâf li il Korti...
M. Imma jien nâf li daŭn il mobbli għâdhom chemm chienu haŭn...

C. Issa?... jien x'għandi x'naksam magħhom?

M. Għâdec chemm għidtli li int... li int...

C. Jien?.. jien cont nsemmi fuk xi ħŭejjeġ oħra. U jien usalt sa haŭn biex ngħidlu l'is-sur nepputi tiegħec, illi jecc hu rebbaħni il caŭża...

M. (Għandu icun jinkàla ħafna Duminc!)

C. U dic id-dâr reġġħet giet f'idejja, b'ir-ràba collu ta madŭarha....

M. (Offja għalih Duminu tiegħi!) U, bħalchiecu, xi chemm irbaħt... hecc... bejn ŭieħed u ieħor?... aħfirli, li kiegħed nistaksic...

C. Bejn id-dâr, u ir-ràba u... u...

M. (*iħarrec rasu mistagħgeb u jitbissem jidħac*)

C. U is-siġar tal ħarrub u l'oħrajn ta'ż-żebbuġ, u... u, iva, b'collox, ngħidu aħna, madŭar... xi hecc; xi tmint elef lira.

M. Tmint elef lira?

C. Iva, sur ziju tal avucat tiegħi!

M. Jigifieri, in-nepputi tiegħi... rebbaħlec tmint elef lira, ħe?

C. Iva; u issa, barra mill li spejjes tal Korti, feħsiebni talankas ntih daks mitejn lira....

M. U ngħid! Ħakkux, ŭara dan it-taħbit collu?

C. Imma, irrid ndum daks tlieta jeŭ erba' snîn sa ma ncun nista nħallsu, għax bħal iss'issa, ma nitagħx.

M. Għâdec chemm kiegħed tgħidli l'int rbaħt daŭn il flejjes collha, u issa...

C. Haŭn neħlu, imma!... Ir-ràba, roħos; u, tâf, chienu telkugħ bla ħadd ma ħaseb iżjed jiżirgħu; id-dŭieli, b'is-silġ, coll ŭaħda daks gelleŭża, għerku għall collox, mietu daks nofshom; id-dubbiena tal larinġ, u dac id-dudu l'ieħor, dac l'igħidulu

*icciera purcherija*, għamlu ħsara chemm riedu u felħu, għâd li issa sabulhom côla li tekridhom; id-djar, hemm l'iġġarrfu u hemm li battâla; il bdieŭa kâmu ilcoll, mîn iridni nraħħaslu il kbiela u mîn l'inħallsu ta's-slieħi fil ħitan ta bejn il lenez; il cherrejja ma jistgħux iħallsu, il bhejjem iridu iż-żerriegħa tal koton u l'għalf, għaliex x'irgħaŭ ma isibux, u biex tbiegħhom iggîb ħabba; l'uċuh ma raddeŭ xejn, il għaliex ix-xìta issèna m'aħniex; l'imbît krâs collu, u x'uħud mill btieti nfetħu; li ngħâġ ma għamlux ħrief, u il ġlata ħarket it-tgħâm; ir-riħ, ma ngħidu xejn chemm chien kalil, chisser is-siġar jeŭ kalibhom sa nchixfu l'egħruk u ŭakkagħ li nŭar... (*igħid dejjem bla jieħu nifs*)

M. Iiiiiih!... dan x'chien!

C. U biex nakta fil kasir, u ngħid collox f'chelmtejn, geŭ saħansìtra kaluli li il bajd tal krejjak...

M. Aħjar neħilsu, għax kiegħed nħoss rasi kartalla.

C. La darba issa int tâf b'collox, nitolboc tgħaddili chelma ma Duminc, biex chiecu jittennieni daks erba' ħames snîn sa'nħallsu; u jecc tista tislifni xiħaġa, staksi għalija l'in-nepputi; hu jâf mîn jien u x'insarraf. Saħħa (*jitlak*)

## ID-DISA' XENA

MAROZZ *ŭaħdu*

Imma, chif?... hecc imur u iħallini?... Jaħasra, in-nepputi jitħâbat, u jonfok minn tiegħu, biex mbagħd... ara x'jeħu! jibka b'it-taħbit u li spejjes; u minn fuk, dac... Dac mîn hu?... Hu mîn hu, irid jissellef minn għandi... jeŭ minn għand in-nepputi. Dan bakagħ, tarax!... Iżda, mbagħd, ma naħsibx li ilcoll hecc... U il mobbli, bilħakk, fejn marru? ma nagħmlux li din id-darba il fatati iridu jagħmluhieli tasseŭ, hux? għaliex, côs!... (*jirtiegħed*) M'hux għaliex, imma, chiecu nibża; imma... bħalchiecu rasi kiegħda bħalxejn u xejn ticbirli... u dac li krîs, m'hux ta'ċ-ċajt, ŭara collox; u daŭc il ħsejjes chemchemm n'injiex narġa nismagħhom... Le, le, dan issa m'hu xejn...

---

## IL GĦAXAR XENA

GIALANDRI *liebes ta spettur, u l'ieħor*

G. (*minn geŭŭa*) Nâf x'nâf l'immur il ħabs, nitħallas minnu; hecc nilagħbhielu, nagħmlu zalzett daks chemm ntih (*jidħol*) Fejn hu?... Nieclu ħajj!

M. (*mriegħed fil bieb u b'id-daŭl f'îdu*) Mîn?

Kiegħed tara dan ir-rivorver? (*Marozz mriegħed, igħidlu iva b'rasu*) Bih ntertaklec moħħoc, jecc ma tagħmilx li ngħidlec.

M. Imma, x'inhù li trid minni? ( Msejchen Marozz! )

G. Okogħd bilkiegħda haŭn.

M. Nista nibka bil ŭiekfa; ncun nifhem xorta ŭaħda.

G. Okogħd bilkiegħda, għidtlec, jeŭ agħâr għalic.

M. Mela... nisma minnec! (*jokogħd bilkiegħda*)

G. (*jokgħod bilkiegħda hu ucol*) Missieri għandu dâr u oksma cbar il ġmiel tagħhom barra mill beld, u dac il ħaŭŭadi ta Duminc ta Ċlampu, ħalliel mill iprem, serduk għâma, ħabsi għall aħħar u ta kattagħni ma ngħidlec xejn...

M. ( X'iżjed? )

G. Daħħal f'rasu li jisirkilna ħŭejjiġna biex irebbaħhom lil ħalliel ieħor; u in-nepputi tiegħec, daks chemm mèla râs l'imħallef b'it-tgheżŭir tiegħu, rebbaħlu il caŭża. Issa tajjeb li tcun tâf, jaħtieġlec tiflimha la darba int żijuh, li jecc dan in-nepputi tiegħec ma jargax l'ura milli għamel u iroddlu ħŭejjġu lil missieri, âfli ħażin għalih u ħażin għalic u tħallsuha kâres u miegħi icollcom x'taksmu per ommja secula seculorum.

M. Imma, sur Bastian...

G. Sicchet il-lsienec!... Meta nitchellem jien, ticsirlix chelmti... Ifhimha tajjeb li missieri giè tilef ma't-tnax il elf lira... missieri mdaħħal f'is-snîn, u jien, ibnu, Bastian Barabba, xejn le ma tinżilli li ŭara meŭtu nsîb ruħi f'nofs ta triek, u...

M. Imma jien x'għandi x'naksam ma dan?

G. Ma għandec x'taksam xejn, eħ?... Lili ser tgħidli hecc? .. miegħi trid tagħmilha ta iblah? Trid

tgħaddini b'iż-żmien, eh?... Chelma ŭaħda, biss: jeŭ lil dan nepputîc tħiehmu jarġa iseŭŭi il ħsara li għamilli, jeŭ...

M. Jien?...

G. Iva, jeŭ int iddaħħallu f'rasu lil avucat Duminc ta Ċlampu li jarġa l'ura milli għamel, jeŭ b'dan ir-rivorver, b'dan, arah... (*iressakulu ma ŭiċċu*) tifhimni, hux!

M. Fhimtec... fhimtec... trid tekred lili ucoll!

G. Mela, la fhimtni, ma għandniex actar xi ngħidu!...

---

## IL ĦDAX IL XENA

PATIST *u l'oħrajn*

P. (*jidħol fukhom bla nifs*) Sin...juur!

G. Int, mîn int?

P. Chif, ma għaraftnix?

G. Issa gejt fiha... Iva, int dac l'iblah li tellift il caŭża lil missieri... int ħallejtu lil Duminc ta Ċlampu igħid li ried lil mħallef; u int bkajt bħal għageb tħares lejh!

M. (Fiex chelli nsîb ruħi, u ma mîn chelli niltàka!)

P. (*lil Marozz*) Hua int, iz-ziju ta dac in-nassiesi?

M. Jien m'injex iz-ziju ta ebda nassiesi!

P. Hua m'hux nassiesi ridt ngħid; imma, ta dac il ħalliel, ta dac il ħabsi ta Duminc!

G. Iva, hu, hu collu chemm hu!

M. (Issa għakdet!)
P. Miegħi, mela, għandec tagħmilha, sur ziju (*jabkdu minn driegħu*)
G. U miegħi! (*jakbdu minn driegħu l'ieħor*)
M. (Bejn żeuġ ħallelin!)
P. (*igebbdu*) X'għidt?
M. Għidt li sejjrin... tħassruni b'dan it-tiġbid collu!
P. Ħaġa żgħira għalli għamiltilna!
M. Jien?... U jien xi ħsara għamiltilcom?
P. Ara chif titchellem, issa, tafx!
M. (Aħjar nuriehom snieni) Issa biżżejjed!
P. Iva, eh?
M. Mela, x'inhù?
P. Li ma contx għax int ġagħalt lil nepputîc jilħak avucat minchejja fih, chiecu ma għamillix din il ħsara collha il jaħtili biha hu!
M. (Jecc nilħak... kabel meŭti, irrid nfiehem lil Duminc li ma jagħmilhiex iżjed ta avucat... Jitlak chemm caŭżi għandu f'idejh, ikabbel chemm irid, jakbad sengħa li tcun; ta avucat, le, le, le!)
G. Sur Patist, dan il bniedem ser nżommu taħt idejja sachemm .. (*igebbdu lejh*)
P. Le! bħal issa għidtlec imissni nżommu jien! (*igebbdu minn driegħu l'ieħor*)
G. Imma, jien ... (*igebbdu*) issa f'idejja!
P. Lili imissni; u ħiġinix b'iċ-ċajt! (*igebbdu*)
G. Dan issa tiegħi u minn taħt idejja ma nitilkux!
M. Jecc intcom mgienen, cunu âfu li jien ...
G. Ara chif titchellem!
P. Miġnun m'injiex; imma, rasi tliftha bil għâli ta din il caŭża li telliftni ...
M. (*lil Patist*) Imm' int ... x'daħħlec?

P. X'daħħalni, eħ?... Dalŭakt nfehmec jien!

M. Imm'int, narġa ngħidlec... imma, jien... imma, intcom...

G. Għid, mela, li għandec tgħid; u eħles!

P. Naraŭ x'ser takla issa!

G. Ejja miegħi!

P. Trid tara nħallihx!... Miegħi ejja!

G. U jiena nħallsec! (*joħroġ is-sejf*)

P. Minnec ma nibżax u ankas m'is-sejf li għandec!

G. Sur Patist, l'aħjar niftiehmu bejnietna.

M. Iva, hecc jixrak... ta ħbieb... l'intcom!

G. Għax, biex ngħid hecc, daks chemm is-sur ziju imiss lili, dakshecc ieħor imiss lilec: naksmuh nofs coll ŭieħed!

P. Iva, nofs coll ŭieħed, bħal ħaŭħa! (*jitilkuh*)

M. (*jitlak jiġri mal camra*) Polîs!... Polîs!... Daħluli il ħallelin id-dâr!... Polîs! ser joktluni!... għaġġlu!... Polîs!... (*Ġalandrì u Patist jiġru ùrajh sa jilħku Nazju u Lużar, liebsin ta pulizija*).

---

## IL TNAX IL XENA

Nazju, Lużar, *liebsin ta pulizija, u l'oħrajn.*

N. Haŭn x'ġàra... Ara mîn ma għandux x'jagħmel? (*taparsi jibżgħu isibu ruħhom kuddiem li Spettur, u isellmulu b'idhom fuk il beritta*)

L. Sur Spettur...

G. Usaltu fil ħin seŭŭa... (*idaħħal is-sejf*) Żommuhom l'it-tnejn; jien sejjer il għassa. (*joħroġ*)
P. Dan x'jigifieri, dan?
M. Din tagħcom, issa... (talankas ħlist minn dac il ghendus) dan m'hux ħin...
L. Araŭha ma li Spettur; aħna jaħtigilna nagħmlu li kalilna.
N. Lilna tagħdirna; x'nistgħu nagħmlu?
L. Ilna il-lejl collu nisimgħu ħsejjes u għajjât f'din id-dâr...
M. Imma, chif jien liebes .. fejn tridu tieħduni?
N. Il għassa, sinjur!... Int mûr ilbes; u aħna nittenneŭc fil bieb.
M. Araŭ, araŭ ftit fiex chelli nigi fi xiŭħiti... U dan għaliex?... għaliex in-nepputi nzerta ried isirli avucat!... Mîn chellu igħidli li il-lejla jaħtieġli norkod il għassa? (*iŭarrab*)

---

## IT-TLETTAX IL XENA

NAZJU, LUŻAR, PATIST, *mbagħd* GIALANDRI *u fl'aħħar* CÔLA, DUMINC *u erba' minn nies ta'x–xogħol; u urajhom, sottacôc.*

N. Jaħasra għalih!
C. Issa għamilnihielu iż-żejjed!
P. Nagħmel mħatra li mill lejla il kuddiem, Duminc xejn actar ma icollu x'jaksam mal krati!

G. (*icun nàża l'uniformi*) Chif bkajna?
N. Ħalli talankas inŭassluh sal corp tal għassa.
L. Mâr ibiddel.
N. U aħna nbiddlu ucoll.
L. Il-lejla, il galbu, lejla ta tibdil! Għamilnieha ta putruni, għamilnieha ta pulizija; u issa ser nerġgħu għalli conn'na kabel!
G. Isaŭ, għaġġlu, għaliex jecc dac ix-xiħ jixref rasu, jagħmilhielna jarana haŭn!
C. (*jidħol cutucutu*) Fejn aħna?
G. Ħareġ collox b'ir-rġulija!
C. Ħaŭn huma il mobbli...
D. (*taħt il-lsien*) L'aħŭa...
G. Il-lejla, daks chemm nkalagħlna xogħol ta bla ħsieb, iddaŭŭarna u ma stajniex niġu għal din l'Accademja!
C. Imma jien gejt; u li zijuc nzerta hemm...
D. Chien jilagħbli xebgħa!
TNEJN TA'X-XOGHOL. Haŭn hu is-sufan.
IT-TNEJN L'OHRA. Ħaŭn huma il putruni.
D. Ħadŭ xiħaġa x'tixorbu.
L'ERBGHA TA'X-XOGHOL. Saħħa, sinjur!
C. Isa, l'aħŭa, nkegħdu collox chif chien.
L. Haŭn jien (*ikiegħed putruna f'rocna*)
G. Hecc, hux? (*ikiegħed l'oħra*)
P. Tajjeb hecc; x'jidhirlec? (*ikiegħed is-sufan*)
C. Jonkos x'nieclu... imma, naħseb li appîc biex jasal collox... għâdni gejj m'it-tartorija ta ma genbna.
P. Haŭn hu! (*jidħol is-sottacôc b'geŭlak*)
D. Daħħlu hemm geŭ (*jurih b'îdu il bieb ta'x-xellug*)
C. Sejjer nifrex il mejda (*joħroġ m'ix-xellug*)

D. Aħjar l'intcom issa tŭarrbu sa ma jigi iz-ziju, biex ngħaddilu chelma għalicom.

L. Nittenneŭc hemm, mela; u fil ŭakt, natuh dakka t'îd lil Côla.

G. Ħsibtha tajjeb, Duminc! (Chemm nixtiek chiecu li narah jistagħgeb lil dac ix-xŭejjaħ! (*joħorġu ilcoll, barra minn Duminc*)

---

## L'ERBATAX IL XENA

DUMINC, *mbagħd* MAROZZ; *u fl'aħħar, li ħbieb*

D. Nista nidħol, zi?

M. (*minn geŭŭa, b'dagħdiegħa*) Dalŭakt!

D. Għandu icun bihom seŭŭa il-lejla!

Daks chemm ħabbejtcom,
Dakshecc bla ħîla?
Katt le ma bsartcom
Dakshecc kalilä!

Mel' għax jien ħti' li
Niddaŭŭar siegħa,
L' iz-ziju nsîb chelli
Mitluf f'dagħdiegħa?

Fejn hu dan xirfcom?
Milli ked nara,
Trid, mela, minncom,
Tnakkas it-târa?

Ajma x'tinkalgħu
Iddokku il lira
B'dehencom collu
Pindèru u Xira!

Moħħu tliftulu
L'iz-ziju Marozz;
F'riġlejh xħettulu,
Mida il babozz!

Għax ħeffet râscom,
Mel'jiena ħakkni
Li il lejla magħcom
Jaħbat igħallakni!

X'ħin jistaksini
Fejn mort... x'inkàla...
X'nakbad npaspar,
B'ir-riħ bla kàla?

M. Haŭn jien! *(liebes bħal kàbel, bil cappel f'îdu)*
D. Zi, aħfirli...
M. Dan issa x'chien?... Mel'int?... (il-lejla, ma nista nifhem xejn fejn jien!)
D. Int lil mîn kiegħed tfittex?.. Għaliex bkajt liebes għal barra, bla ma ixxamplajt xejn ŭakt li jien cont l'Accademja?
M. (U il mobbli, chif reġgħu geŭ?... collox règa chif ħallejtu jien?)
D. Int x'għandec, zi?... Int m'intix tŭiegibni?...
M. Daŭc il mobbli... daŭn chif geŭ haŭn?
D. Chif?... ma għarafthomx li tiegħec?
M. Iva!... imma... irrid nfisser ruħi...
D. X' inhù?...
M. Ftit îlu, ma chienux haŭn!

D. (Aħj! għandu icun kagħad idur ma'd-dâr ŭakt li jien cont barra) X'inhù, zi? issa jien ma nifhimx!
M. U tal pulizija fejn marru?
D. Tal pulizija?...
M. Iva!... u dac li ried jinfidli kalbi... b'is-sejf?
D. (Għandu icun iz-ziju tilef moħħu!)
M. Għidtlec... fejn huma tal pulizija?
D. U int xi tridhom?
M. Biex jieħduni il corp tal għassa!
D. (Iggennen, tarax! Mischin iz-ziju!) Imm'int għandec tcun kiegħed toħlom, zi. Ara; ma haŭ ħadd!
M. Għandi ncun ħlomt, mela!.. imma, jecc ħlomt... ħolm tal biża .. Ara xi ħlomt...
D. L'aħjar, zi, il ħolma għidhieli ŭakt l'ichel... u, zi, stedint lil ħbieb tiegħi biex igħaddulec iż-żmien, u tafx chemm tidħac, għaliex ilcoll fuk ruħhom. Tridx nsejjħilhom, biex tcun tafhom kabel ma immorru fuk il mejda? Ej, l'aħŭa...*(jidħlu ilcoll)* dan iz-ziju tiegħi, is-sur Marozz ta Ċlampu, daks chemm għamel għalija, daks missieri nħobbu!
L. Għandi piacir li nafec, sur Marozz.
M. U jien ucoll, chif cont ser ngħid...
P. Nifraħlec b' in-nepputi.
N. Ma haŭnx bħalu Duminc tiegħec!
G. Gîb l'haun daŭc il ħamsa, sur Marozz!
M. Dal ħin, ked nħossni fil genna tal art, nsîb ruħi f'nofscom, uliedi... intcom il ħbieb tal kalb ta Duminc tiegħi .. imma, kabel xejn, ridt nżomm chelmti miegħu u ngħidlu... *(lil Duminc, li jakbad jitħasseb)* ħolma jeŭ m'hix ħolma, ma nafx x'għadda minn għalija... imma, nâf ngħid, ridt ngħid ŭiegħidt lil xiħadd li kabel meŭti, jecc nilħak...

D. Biex int gejj issa, zi? x'għandha x'taksam il meŭt tiegħec dal ħin?... (ħsibtu! tasseŭ li tilef rasu, jaħasra!)

M. Iva, ridt ngħidlec li int, mil-lum il kuddiem, tista tagħmel ta poeta chemm tixtiek... Sîr tabib, jecc trid; sîr suldat, sîr bidŭi, sîr scarpar, sîr bojja; iżda, ta avucat ma' rridicx tagħmilha iżjed!

D. X' inti tgħid, zi?

C. (*lil Duminc*) U mbagħd ridt tlûmni meta jien għidtlec li neħilsec mill għaŭġ li sibt ruħec fih!

D. Issa ... u iva! issa kiegħed nifhem!

M. Jecc tridni ma noħlomx iżjed bħalma ħlomt dal-ħin... iva, jaħasra! ŭiegħidni li mal krati katt ma icolloc xejn actar x'taksam... katt; katt iżjed!

D. Nħossni irrid nakbeż bil ferħ, zi! X'ma nŭegħdicx jien? Isbaħ din, ziju Marozz ta kalbi!

X' ma nŭegħdicx, maħbub ta ziju,
U x' ma nagħmel jiena għalic?
Saħħa lilcom l' avucati;
Ħabbtu moħħcom, yes, mal krati!

Minn għalija il bgħid immur
Mal poeti ngħix u ndûr!
Sibt xortija u colma xtakt,
Bla muntanji xejn ma frakt!

C. Imma, chemm tinkàla, Duminc!

M. Iva, chif cont ser ngħid... ma nindaħallecx iżjed, u ibka kabbel chemm tixtiek kalbec; u mn'issa il kuddiem u għala dejjem ta dejjem, ammen!

IN-NRU. 120 tal Cotba tal "Moghdija taz-Zmien"

# FUK IS-SUAR TAL ISLA

## 1912-1565

jibda b'chelmtejn lil ta'd-Domus tal Isla nhar il 5 ta Lulju 1912; u mbagħd jibka sejjer bil ġrajjiet ta

## LEILJET IL VITORJA

biex tidher il fehma ta mîn chiteb, li aħna il Maltin tal 1912 imissna nibkgħu, jeŭ nsiru, li conn'na fl'1565: kalb ŭaħda, ħîla cbira, u it-tâma tagħna f'Alla.

## FUK MALTA U GHAUDEX

IN-NRU. 30 — LI STORIA TA MALTA
„ 31 — (It-Tieni Taksima ta'n-Nru. 30)
„ 47 — IL GIFEN TORC
„ 65 — BINT IL ĦACHEM
„ 69 — NICOL GĦABDUL
„ 70 — (It-Tieni Taksima ta'n-Nru. 69)
„ 74 — MARIA PLATAMUN
„ 103 — MIN CHIEN AĦMED
„ 104 — MALTA NISRANIJA

Daŭn il Cotba jimbiegħu għand il Librar G. MUSCAT, il Belt, u ħafna oħrajn.

# B'IS-SALIB U IS-SEJF

L'IŻ-ŻAGĦŻAĦ TA'D-DOMUS,
IŻ-ŻEJTUN

Alf. M. Galea

Nhar l'4 ta Aŭŭissu 1912

# L'Ave Maria ta Lourdes




Titcanta mill pelligrini fil beld iż-żgħira ta Lurd (*tinchiteb : Lourdes*) kuddiem il Għâr ta Massabielle fejn Sidtna Maria nhar il 11 ta Frâr 1858 dehret l'ix-xebba Bernardina Soubirous. Nixtieku li dan l'Innu jitcanta fl'Oratorji li kiegħdin jitŭakkfu haŭn Malta, l'actar f'ix-xahar ta Mejju : ħelu ŭisk ! Fuk il *Ġrajja ta Lourdes* u il Pellegrinaggi li marru minn Malta għal Lourdes, għandcom il ctieb ta Dun Xand Cortis (*stampat għand Ŭenzu Busuttil, 34 Sda. Forni, il Beld, fil 1896*) : issibu fih colma tixtieku tafu fuk Lurd.

# B'IS-SALIB U IS-SEJF

Għall eŭŭel gimgħa ta Lulju, Dun Spiru Grixti, id-Direttur ta din id-Domus ta'ż-Żejtun u x'uħud fostcom, nzertaŭ f'id-Domus tal Isla * fejn semmejtilhom fuk l'imħabba li aħna l'insara għandna ngibu lil xulxin ; u Dun Spiru xtâkni nigi għandcom ucoll ngħidilcom xi erba' chelmjiet u ħalla f'idejja fukiex nakbad nitchellem. Imma, billi gejt nâf li Dun Paŭl Zammit chellimcom fuk it-Terrasanta, daks chemm għoġobcom, u ma satagħx jonkos illi jogħġobcom il għaliex jâf ħafna x'igħid, ħbadt sejjer nakta kalbi; imma, la darba intcom triduni, haŭn jien; x'irid icun?...

It-Terrasanta tfaccarna fuk chif għandna ngibu ruħna ta nsara li aħna; u mîn hu msieħeb f' id-Domus ma jistagħx jixtiek ħlief il jagħmel dmiru biex dejjem actar igîb ruħu ta nisrani. Nistħajjilcom tgħiduli: " Mela għalfejn gejtna il-lejla? " Xeŭkti li muricom chif il ħajja ta'n-nisrani, u ħija biss, fil ŭakt li tistgħolli li bniedem, thennilu kalbu.

Ŭieħed Franciż ta'd-Domus li iż-żagħżagħ għand-

(*) Dar iż-Żagħżah, Piu X; *semmejna fukha fil ctieb in-Nru. 121* " Il Carità f'Malta u Għaŭdex. "

hom fil beld ta Susa, f'it-Tunisija, mâr kâl lil sħâbu ta hemm, (*nhar il 10 ta April 1912* *) dan li minn fuk tiegħu jiena sejjer issa nfissrilcom :

" Naħseb li drabi ŭieħed imur b'moħħu u igħid bejnu u bejn ruħu: "Aħna mnejn gejna?... Fejn sejjrin?... Għalfejn ninsabu fuk dina l'art?... "

Il bniedem ma għandux sàbar: irid jâf ħafna xorti, u ma jistrieħx sa jakta xeŭktu li jafhom. B'id-daŭl li Alla tah, il bniedem sejjer dejjem jitħâbat u irid ifittex li jitgħallem; actar ma ħaġa tigih tkila, actar jitħâbat biex jitchixxef u jara x'inhi: il kalb tiegħu ma għandhiex mistrieħ; u għâd li jifhimha li collu żejjed l'irid jakta ix-xeŭkât tiegħu collha, jibka dejjem jistinca bil fehma illi fl'aħħar jigi f'tiegħu! Araŭh b'dèni fuku, ma tŭl il-lejl iħares lejn il cŭiecheb biex jitchixxef fuk il mìxi tagħhom f'daŭc is-smeŭŭjiet bla kies; araŭh igħammex għainejh biex jara u jitgħallem fuk id-draŭŭjiet tal iżgħar fost il ħolkien; u dan jissogra ħajjtu biex ifittex artijiet ġodda u l'ieħor biex isîb il Pôl f'daŭc l'artijiet ta's-silġ fejn għâdu ħadd ma medd riġlejh, jeŭ jittajjar mogħla is-sħâb bl'arjoplani u imur minn beld għall oħra f'kasir żmien.

U il bniedem irid dejjem jâf actar; u ŭara li tgħallem xiħaġa fuk il ħolkien, jinkèda bl'elettricità biex jitchellem minn tarf għal ieħor ta'd-dinja *(it-telegrâf);* jitgħallem fuk is-siġar u ix-xtieli u fuk colma tarmi l'art jeŭ li jinsâb moħbi geŭŭa fiha, u isîb u jicxef dejjem ħŭejjeġ ġodda; iżda, ix-xeŭka li jâf x'inhi il ħajja tagħna, din għâdu ma katagħhiex! Haŭn jieħel,

(*) " *Programme de Vie Chrétienne, Conférence faite au Cercle d'Etudes de Sousse par le Camarade X ..* "

u jibka jistaksi lilu in-nifsu : " Imma, dan il bniedem chif gejj u mnejn hu gejj ? "

" Mnejn hu gejj ?... " Aħjar l'icun jâf fejn hu sejjer, għaliex il bniedem m'hux le bħal xìtla jeŭ bħal għasafar li jittajjru minn fergħa għal fergħa, ankas bħal annimali l'igħixu u imutu u ma jibka xejn minnhom ! Il bniedem għandu id-dehen, għandu il kalb, u għandu ir-rieda tiegħu ; għandu li jagħmel l' irid, u m'hux le bħal xìtla jeŭ bħal tajjra, jeŭ bħal annimali l'oħra ! il bniedem iħoss li hu maħluk għal ħajja oħra ; il bniedem jifhimha illi kalbu tixtiek xiħaġa li ma jistagħx icollu fuk dina l'art : jixtiek xiħaġa ta dejjem, il ħajja ta dejjem, il hena ta bla tmiem.

U chif m' hux hecc, jecc la darba il bniedem jakla l'icun xtâk, dic is-siegħa il hena li chien imur b'moħħu sejjer jirbaħ, tintemmlu minnufih ? It-tbatijiet tal oħrajn, id-dmugħ, il għacs ta madŭaru, hu iħosshom f'kalbu ; ifittex il hena, u il hena taħrab u titbiegħed minnu ! U hu, li deherlu ħadd ma jista għalih, li ma jibża minn xejn, u xejn ma ikîsu it-tiġrib li fih jinsâb, jakta kalbu f'dakka ŭaħda u jifhimha li m'aħna xejn !

Dac jimla rasu b'ir-riżk li dejjem miegħu, joħlom lejl u nhar bil ġmiel ta ŭard ta colfejn igħaddi, moħħu mistrieħ bil għâna li għandu, jeŭ jitgħaxxak b'din il ħajja u jidhirlu ħin ŭieħed li ma hemmx fejn jasal iżjed !... F'dakka ŭaħda il ŭard jidbiel ma nżŭl ixxemx : ifittex il ħbieb ta aŭl-il-lejl u le ma isibhom miegħu, jibka ŭaħdu, ma jafx fejn jati rasu, moħħu ma itihx iżjed ; jeŭ mietitlu it-tarbija li fiha chien jittama għal kuddiem, jeŭ martu l'għażiża illi magħha chien igħix b'fehma ŭaħda, b'imħabba l'actar safja.

Haŭn ŭieħed biss fostna li katt darba, darba biss,

ma għaraf il għâli jeŭ li ma ħass kalbu minfuda b'ix-xeŭka ta xiħaġa li xtâk bla ma satagħ itemmha?... U ma dan collu, il għaŭġ u il għâli isaffi ir-ruħ tal bniedem u jistgħollih fuku in-nifsu!

" X'inhi, mela, din il ħajja?... Mnejn gejjin?... Fejn sejjrin? Għalfejn ninsabu fuk dina l'art? "

Mnejn gejjin?... Ilcoll nafuh: gejjin minn Alla, li ħalak collox u lilna ucoll, m'ix-xejn. La darba maħlukin minnu, minn għalina m' aħna xejn; u aħna u colma għandna, collox gejj minnu u collox tiegħu. Alla l'imbierec, fil għerf u id-dehen tiegħu ta bla kies, ried illi collu il ħolkien jimxi dejjem il kuddiem għal fehma tiegħu; u aħna, bħala ħolkien minn tiegħu, jaħtigilna nokogħdu għal dina il fehma t'Alla. Fuk hecc li il bniedem jitŭieled, igħix, jicber u imut. Imma, ŭara il meŭt, x' jiġri?

Għalina il Maltin, f'ħajjiêt Alla, collu żejjed illi nokogħdu ngħidu li ruħ il bniedem tibka tgħix għal dejjem; mîn katt fostna sejjer igħaddilu minn moħħu li ruħ il bniedem tmut miegħu? La darba, mela, ŭara il meŭt tiegħu, ruħ il bniedem tibka tgħix f'ħajja oħra, il ħajja ta fuk dina l' art mehix ħlief tħejjija għal dic il ħajja l'oħra ta dejjem. U din il ħajja ta dejjem, biex tcun ħajja tal hena, trid tcun ma Alla, u għalieha li Alla ħalak il bniedem; għaliex il bniedem maħluk għal hena ta dejjem, u il hena ta dejjem mehix ħaġ' oħra ħlief l'icollu sehem mal hena t'Alla. Lejh il bniedem iħossu miġbud; u mingħajru, hena ma hemmx! Imma, Alla l'imbierec lil bniedem ħallielu rajh f'idejh: minnu jonkos jecc irid jimxi għal fehma t' Alla jeŭ jecc ma icunx irid jilħak ma dmieru. Alla ma jixtiekx ħlief li il bniedem iħobbu, u għall

din l'imħabba iŭiegħdu il hena ta dejjem. Mill bkija, lil min mâr silifna il ħajja u colma għandna, jistagħ katt li ma nħossux geŭŭa kalbna gibda cbira lejh? nistgħu ma nixtiekux nagħmlu colma nistgħu biex nimxu f'collox għal fehma tiegħu?

Ma dan collu, m' hux hecc! Biex nimxu f'it-triek ta's-seŭŭa għal fehma t'Alla, irridu nitħâbtu u m'hux nitħâbtu bi ftit!... Mogħni b' ir-ruħ u il gisem, il bniedem chien fih għaxka fil genna tal art. X'chien jonksu? Ankas il meŭt ma chienet le tista għalih! Il għerf u id-dehen li chellu, ħŭejjeġ tal għageb. Fuku in-nifsu, chien bħala sultan: ir-rieda tiegħu marbuta ma'r-rieda t'Alla; u maħluka xbieha t'Alla in-nifsu, dic ruħu chienet tŭassal b'id-dehen tagħha il fuk, il fuk ħafna fil egħġubijiet ta's-smeŭŭjiet. Adâm chien jifhem bosta u bosta actar milli bkajna nifhmu aħna; ŭara li hu nakas l'Alla u ŭàka, miegħu ŭaka' in-nisel tiegħu collu! U aħna, li messna uritna dac id-dehen u dac il għerf, messna b'ŭirt ta Adâm il għali u il għaŭġ li fih ninsabu!

Iżda, Alla henn għal bniedem; u fil ŭakt li telku f'nofs it-tiġrib li ħakku talli minnu ma riedx jisma, ma ċaħadlux il hena li għaliha Hu ħolku u it-tâma li jara l'Alla u miegħu jissieħeb fil hena ta dejjem.

Jaħasra, il ŭakgħa ta Adâm f'id-dnub, għarkitilna collox; il bniedem iħoss ruħu ŭaka' mill għoli tal għerf tiegħu: id-dehen tal bniedem tbiel; bakagħ iħoss bħal ħèdla fuku in-nifsu; iħoss ruħu miġbud għal ħażen ŭisk actar milli għa's-seŭŭa! Isimgħu x'igħid San Paŭl għal bniedem: " Jaħasra għalija! nixtiek nagħmel dmiri u nħoss li ma nistagħx; nistmerr il ħażen u fih naka' u le ma nagħmel il gîd li b'kalbi collha nixtiek

naghmel. Nħobb il ligi t'Alla tiegħi, ŭakt li fija in-nifsi ninsâb mħabbat bil killa tal gibdjiet li xejn ma jakblu ma daŭc t'Alla u li magħhom icarcruni fil jasar ta'd-dnub. Jaħasra għalija, ta bniedem li jien! "

Għaliex aħna nħossuha dejjem fukna dil killa ta'd-dnub li uritna minn missierna Adâm; iżda, il-tâma tal hena, katt le ma titlakna. " Il ħajja," kâl ŭieħed għaref " trid tkîsha tiġrija, li għaliha, mîn jirbaħ, jirbaħ il hena ta dejjem. "

Imma, x'inhù? Dan it-taħbit collu, jigifieri, bil fehma li nirbħu il hena u xejn actar?... Le, ma nistħajjilx li għal dan biss! Irridu nagħmlu il gîd u nimxu f'it-triek ta's-seŭŭa, għaliex xierak, għaliex Alla iridu, u m'hux għaliex nafu li sejjrin nitħallsu jeŭ biex nitħallsu ta dan l'għamil it-tajjeb. Il hena ta dejjem, dan il ħlâs l'icun jistħokkilna tal għamil it-tajjeb, dan mbagħd, nittenneŭh bħala ħaġa li tigi minnha.

Nkîsu, mela, li nagħmlu il gîd ta nsara li aħna u xejn ma għandna għaliex nimleŭ râsna li jistħokkilna ma nafx x'inhu billi chiecu saħansitra naħcmu id-dinja taħt idejna. Il ħaddiem illi bla jitniffes jakdi dmieru u li jitħâbat biex jirbaħ lilu in-nifsu; il ħaddiem l'iħobb l'Alla b'kalbu collha, dan, kuddiem Alla, daks l'akŭa bniedem ta'd-dinja!

Naraŭ, mela, illi aħna ninsabu fuk dina l'art biex nħobbu l'Alla, jigifieri biex nakdu dmirijietna: biex naslu f'dan, nibdeŭ biex nkîsu li nifhmu chemm m'aħna xejn, ngħaccsu lilna nfusna; u jecc katt icun jinħtieġ, natu din ħajjitna ucoll għal mħabbet Alla. Mîn iħobb l'Alla, iħobb il Gieżù; mîn iħobb il Gieżù, iħobb il Cnisja li Hu ŭakkaf, li din il câp tagħha il Papa; jigifieri li ŭieħed icun nisrani tasseŭ.

* * *

Nerġgħu, issa, minn fejn bdejna. Aħna gejjin mn'Alla; u għal għandu għandna immorru. Il ħajja m'hix ħlief mogħdija, u ŭakt li aħna fiha, mħabba li ŭakgħa ta Adâm, niltakgħu ma ħafna tfixchil, u irridu nitħâbtu ħafna biex nirbħu il ħażen u nagħmlu il gîd, chif ruħna tŭissina, chif Alla irid minn'na, chif il Cnisja ta Geżù tgħallimna.

Daŭn il ħŭejjeġ, intcom ilcoll contu tafuhom; xejn minn dan collu m'hu ġdîd għalicom; iżda, nħossni staħjiejt chellimtcom fuk hecc. Fi żmien'na, mehux biżżejjed li ŭieħed jiemmen u xejn actar; dac l'icun, jaħtieġlu jagħmel il gîd u icun appostlu ma sħabu, bħalma tridu issiru intcom ilcoll la darba ŭakkaftu din id-Domus u issieħibtu fiha. Fi żmien'na, jaħtieġ ŭieħed jifhem seŭŭa x'inhu dac li aħna nemmnu; u bil għajnuna t'Alla, meta naraŭ il ġmiel ta's-seŭŭa, aħna bil bosta actar ningibdu lejn is-seŭŭa; u daks chemm nħossu hena cbira f'ir-ruħ tagħna, ncunu nixtieku b'kalbna collha li chemm nies nafu, jissieħbu magħna f'din il hena li gejja minn Alla.

La nemmnu, ma jistagħx icun li aħna ma nkisux nakdu id-dmirijiet tagħna chif xierak, li ma nfittxux ncunu ta għajnuna lil oħrajn, li ma nsirux appostli ma sħabna; f'chelma ŭaħda, li ncunu Nsara tasseŭ. U, mela, nifhmuha tajjeb illi il ħajja ta nisrani hija l'akŭa fejn jista jasal il bniedem, jigifieri ŭisk actar milli chiecu jaħchem id-dinja collha taħt idejh; u innisrani ma jissabbarx illi icun nisrani biss, imma jibka biex isir appostlu.

Ŭieħed għaref franciż, Montalembert, ħalla bil

mictub daŭn il chelmjiet: " Daks chemm tħabatt, daks chemm ctibt, u actarx bla ma rbaħt mill eŭŭel, għal ħaġa biss nagħli: nagħli u bakegħtli għokla f'kalbi li ma ctibtx actar, sachemm cont għâdni nista għal dan ix-xogħol. Fl'aħħar tal ħajja, tŭila jeŭ kasira li tcun, li fiha ŭieħed issemma jeŭ baka' bla ħadd ma jafu, xejn ma jibkagħlec li jista iħennilec ruħec għajr it-tifchira li tcun għamilt dmirec u tħabatt chemm stajt biex tèkred il ħażen u tagħmel il ġîd, biex b'isseŭŭa trażżan u tgħacches id-dèni. Trid taħdem u tiżra bla xejn ma tkîs xi ħsâd għâd jista icolloc; iżda, bil fehma kaŭŭija li żmien il ħsâd, seŭŭa għalic jeŭ għal ħaddieħor, jisŭa dejjem u xorta ŭaħda biex is-seŭŭa jirbaħ fuk il ħażen. "

Niftacru, mela, ma nerġgħu katt l'ura mill fehma it-tajjba, għaliex ħażin jaħbat mîn idur ma coll riħ; nitbegħdu minnu dac l'icun irid idaħħlilna f'moħħna xi tagħlim li ma jakbilx ma dac ta Ommna il Cnisja Mkaddsa; u jecc xiħadd jiersak lejna b'ħafna tmellis, u ma nafux x'ħobż jiecol, aħjar ŭieħed ma jagħmilhiex miegħu, għaliex ma tafx biex joħroġloc. X'tittenna minnu, jecc il-lum igħidlec ħaġa u l'għâda jagħmel oħra?

Jecc katt, mbagħd, ninsabu bejn tnejn x'għandna nagħmlu, għaliex minn naħa il ŭaħda ma irridux chiecu nitilfu il ħbieberija ta mîn jista icunilna ta xi ġîd u minn naħa l'oħra din il ħbieberija tista tcunilna ta dèni għa'r-ruħna, nkîsu li ma ninħbeŭx u nuru li aħna Nsara u nsara tasseŭ. Jecc irridu ncunu chif jixirkilna, rgiel tal chelma u nsara tasseŭ, jaħtigilna ncunu f'collox, jeŭ nclelè ncunu nsara taparsi.

Ncunu, mela, Nsara, seŭŭa fil ħajja ma niesna filli

nagħmlu dmîrna lejhom, seŭŭa magħna nfusna billi ngħaccsu il gibdjiet il ħżiena, seŭŭa filli nokogħdu f'collox għa'r-rieda t'Alla. Biex naslu f'dan, jaħtigilna nitolbu bil kalb u nersku ta sicŭit lejn is-Sagramenti, li daŭn magħmulin għal bniedem.

Semmejt l'irridu nibdeŭ billi ncunu nsara ma niesna, jigifieri nagħmlu dmîrna lejhom: il missier, l'omm, ħutna; u daŭc fostna li għâdhom għożżjieb, la darba jiġu biex jagħżlu mîn jissieħeb magħhom għal għomru, jiftacru fuk collox li din ix-xebba isibuha miġbuda lejn il cnisja, fehma ŭaħda magħhom għal daŭc li huma dmirijiet ta nisrani, biex magħhom tissieħeb f'dan l'appostolat għal gîd, b'imħabba mbierca m'is-Sèma u mill bniedmin. U meta il kuddiem uliedhom jimleŭ bil hena daŭn id-djar fejn tcun niżlet il barca t'Alla, niftacru nrabbuhom ta nsara li aħna.

Ncunu nsara, nibkgħu nsara sal aħħar! Xejn ma għandna għax naktgħu kalbna jecc drabi neħlu; iżda, għal dan jaħtigilna l'għajnuna; u fejn l'aħjar immorru nfittxuha ħlief fil għajn tal ħajja, f'it-Tkarbin mkaddes? B'din il għajnuna, il Martri biercu l'Alla fost il killa ta't-tbatijiet; biha il missiŭnarji jitilku għal ibgħed artijiet ta'd-dinja biex igħallmu is-seŭŭa lil daŭc l'imsiechen erŭieħ li riekdin f'id-dell u id-dlamijiet tal meŭt; biha aħna nifhmu li naħdmu biex ncunu bħala appostli ma ħutna u nitħâbtu għal gîd tal oħrajn, fil ŭakt li aħna nżommu ruħna ħbieb m'Alla. X'tisŭa din il ħajja ħlief daks li aħna, bil għajnuna t'Alla nġagħluha tisŭielna, billi naħdmu għal mħabba tiegħu u għal gîd ta ħutna?

* * *

Issa, din l'għajnuna t'Alla u din il fehma kaŭŭija l'icun ta xi gîd lil oħrajn, sejjrin aħna naraŭ chemm sŭietlu lil ŭieħed kassis irlandiż biex dejjem mèxa ta kassis li chien. Tgħiduli : u dan issa m'ħux żejjed ? Ma nafux jakaŭ chemm il kassisin jitħâbtu għal dac li gîd tagħna ?... Imma, daks chemm għoġbitni x'ħin krajtha, sejjer ngħidhielcom chelma b'chelma. *

Dun Ġ. Flavin chien kiegħed fil ġnien għa'd-dell ta's-siġar igħid il Għasar: sħana ma ngħidu xejn! Itteŭŭeb titŭiba tŭila, lħîtu niżlet sa fuk sìdru, l'uċċali iżżerrżaklu sa tarf mnieħru. Rafagħ rasu għajjen, ħà għamża jeŭ tnejn oħra; ma't-tielet, l'uffizzju kadim li chellu bejn subgħajh, ŭakagħlu fl'art. Mal ħoss, nkatagħ, stembaħ, fetaħ għainejh, ġàbar bi tbatija il ctieb u is-santi li chienu xterdu l'haŭn u l'hinn fuk il ħaxix. Rèġa fetaħ il ctieb fejn chien ŭasal ; il Għasar chien kâlu u sejjer bíex jibda il Compiêta. Iżda, ŭakaf bil ħsieb li jistrieħ dakxejn ŭaħda ; għonoż, u ġralu li gralu.

Dac in-nhar, chienet is-sħana seŭŭa. Taħt is-siġar tal ġnien fejn dan ix-xŭejjaħ ta kassis chien bilkiegħda igħid il Għasar, sal ŭerak chienu niexfin koxkox b'iż-żiffa sħuna ta fuk ofs-inhar.

Sajf bħalu, ma chien ħadd jiftacru, daks chemm ix-xemx chienet kalila u in-nixfa collimchien: l'ilma chien nakas, u colħadd x'inhu jittallab mkâr chemm jaktagħ il għaċċ, għaliex f'ix-xitŭa, xìta ma għamlitx bħalma dari. U id-dèni chien jaħchem ġmielu ucoll !

* *Mill "American Ecclesiastical Review" ta Lulju 1912.*

Minn chemm xebbjiet chienu jitbiegħdu l'imjiel biex jiddobbaŭ żîr ilma f'daŭc ix-xmux għaliex l'ibjar nixfin, ftit chienu jilħku jinġàbru f'dâr ommhom b'rashom ticŭi li ma jinxetlulhiex fuk sodditħom biex le ma ikumu iżjed!

Xi ngħidu, mbagħd, għal daŭc l'oħrajn, żgħar jeŭ cbar, li jagħmel bihom il għaċċ, u fejn jaraŭ għadira tal ilma kiegħed, jinxteħtu jixorbu minn'na? B'dan l'ilma ħażin li jixorbu, actar id-dèni chien jaħchem bla ħniena; u in-nies taħrab x'ħin tara il carru għaddejj minn daŭc it-torok b'xiber trâb, iġorr il mejjtin! Imma, m'hux biss, bl'ilma kiegħed chien jirticheb iddèni; dic is-sħana chienet toktol bosta nies bla ma'ttiħ żmien l'it-tabib jasal għand il marid, jeŭ dan iŭassluh li sptâr. Jaktgħu kalbhom, u l'it-tabib li jinsâb fil bgħid minn daŭn li rħula mŭarrbä, ankas ma jaħsbu jibagħtu għalih; imma, arahom jiġru għal kassis.

Dun Flavin, daks chemm chellu egħja fuku b'dan il ġìri, il Compiêta ħaseb ma igħidhiex minnufih ŭara l'Għasar; mbagħd b'is-sħana, għainejh bdeŭ jingħalkulu. Chien għâdu il ħin, u sa ma iroxx id-dlam jilħak igħidha. Kiegħed, mela, l'uffizzju magenbu fuk il banc, u għajnu marret bih, u rakad.

Il għsafar icejjku madŭaru, ftit li xejn chienu jicsrulu in-ngħâż lil Dun Flavin għaliex is-sħana chienet tagħmel bihom ucoll; u it-tpespis tagħhom, billi mdorri bih, actar irakkdu; u il għajjât ta Grez, ixxŭejjħa li chellu miegħu, meta l'it-tifel li chien jakdiehom bagħtitu jarfa chitla ilma mill ħaŭt ilhinn mill cnisja biex il ŭiżż ma imutilhiex bil għaċċ, ankas biss kajjmuh lil Dun Ġâcbu Flavin!

B'dan collu, ŭara ftit, deherlu samagħ leħen ieħor,

u ħàbat jistembaħ: imma, dic is-siegħa għajnu reġgħet marret bih! U bèda joħlom fuk li ġralu ftit gimgħât kàbel. Ħalli ngħidilcom fukiex chien joħlom. Tliet gimgħât kàbel, tliet aħŭa għâdhom tfâl, mietu b'id-dèni; u hu bilchemm laħakhom biex faccarhom chemm Geżù iħobbhom u li Geżù chien jittenniehom il Genna miegħu. Dac in-nhar, ŭara li tħâbat m'hux ftit, jiġri minn dâr għal oħra kalb ir-ràba, chien jinsâb bħallum jistrieħ dakxejn fil ġnien għal ħàbta ta filgħaxija, x'ħin l'imsejcna omm ta't-tliet aħŭa li chien ħallieha tgħassilhom sa ma imorru id-diffiena jiġbruhom, daħlet bla ħoss ta xejn sa ħdejh, xteħtitlu għarcubtejha kuddiemu fuk il ħaxix, u b'leħen maħnuk u micsur, talbìtu itieha il maħfra, għax ħasset il meŭt fukha.

" Fejn jinsâb il marid? " staksieha Dun Flavin għajjên mejjet, għaliex hu ma satagħx jagħraf seŭŭa mîn chien kuddiemu dac il ħin ta's-sahra; u il leħen maħnuk ta kabel ŭieġbu b'rogħda cbira :

" Patri, âfli jien kiegħda immut! l'it-tfâl tlakthom uħudhom fil għorfa .. issa x'jambuni ma għandhomx, la darba marru fi ħdân Alla... Issa haŭn gejt jien, biex issabbarni f'ŭakt meŭti! "

" Għaliex, jaħasra, ma bgħatx għalija? " kalilha Dun Flavin. " Minn għalija, cont narġa minnufih nitlak għal għandec... Jista katt icun li colhadd bażagħ m'id-dèni biex ma sibtx ruħ li tigi għalija? "

" Għaliex " ŭieġbitu l'imsejcna omm, " ma għadecx chemm cont magħna ftit siegħât îlu, meta uliedi mietuli u marru għand Alla? Kalbi ma tâtnix li narġa nibgħat għalic... l'actar, mbagħd, fuk li smajtu l'it-tabib igħid li mîn hu għajjên b'ix-xogħol jeŭ b'it-telka ta's-sħâna, ma għandux il għaliex jidħol fejn hemm

id-dèni, għaliex il mard jircbu.... u jien nâf chemm int għajjên! ”

Fuk hecc x'ħin ħasset il meŭt fukha din l'omm tasseŭ ta mîn ifaħħarha, l'actar għaliex għaliha xejn ma għamlet ħaġa tal għageb, ħàllet ix-xchiel lil hmâr u telket għal żeŭġ mîli u nofs triek mŭiegħra, u marret xteħtet għarcubtejha kuddiem Dun Flavin, moħħa mistrieħ li sejjra hi ucoll għand Alla! Għaliex, x'chien iŭitieha li tibka fuk ŭiċċ dina l'art, la darba uliedha mietulha, u żeŭġha chien îlu tliet snîn li għerkilha f'is-sàfar?... Mched'da bil egħja u id-dèni, ma felħitx iżjed; il kassis kâl it-talb li chellu igħid, daħal id-dâr b'is-serka biex Grez ix-xŭejjħa li miegħu ma tokogħdx tgherghirlu; minn hemm, daħal il cnisja, u karbinha, u għamlilha il ġrizma lil dic l'imsejcna omm, chif chienet fil ġnien, għaliex deherlu żmien x'jitlef ma chellux! U fil ħin, dic il màra tcaxcret chif setgħet sa'x-xatba tal ġnien, ħàllet il ħmâr u telket lejn il għorfa... u ankas biss lil kassis ma riedet l'iŭassalha! Dun Flavin, bla cliem xejn, bakagħ sejjer għal urajha fil ħemda ta filgħaxija, u le ma ràġa l'ura ħlief x'ħin raha nġabret id-dâr.

Seŭseŭŭ chif issa chien joħlom b'dan li ġralu gimgħât kabel, stembaħ b'għokda fi grieżmu u nfexx jibchi; kabad l'u... zju biex igħid il Compiêta; u minn fejn chien fil ġnien, deherlu samagħ lil Grez tieħodha ma xiħadd.

“ Għaliex stennejtu sa dal ħin? ” semagħha tgħid l'ix-xŭejjħa. “Hu dan ħin li tiġu għalih, daks chemm hu għajjên mejjet b'it-taħbit ta'l-lum? għaliex ma't-tennejtux sa għâda?... Ankas ħniena ma għandcom minnu, għarucaża! ”

Dun Flavin fehem. Daħal id-dâr ; ried jâf x'inhu l'inkalagħ. Kalulu li ta Costello chienet ser tmut... dic Mary Lughee, li ħamsin sèna îlu chien tejjiġha ma ta Costello, għal eŭŭel li laħak cappillan. X'jagħmel Dun Flavin? Minn ftit żmien biss, chellu vici miegħu ; iżda, iż-żiajjar lil morda, l'actar tal fokra, chien iridhom għalih ; lil vici, chien telaklu it-tagħlim ta'd-dutrina u li scola, ħlief meta dic l'imbierca ta Grez, taraħ għajjên bosta, taħbilu il cappell u il ħàtar u chien icollu jibgħat lil vici fi djar il morda. Din id-darba, iżda, daks chemm chien għajjên, chien bi ħsieb jitlob lil vici l'imur hu, u il vici chien chiecu imurlu b'kalbu collha. Iżda, il vici nzerta tbiegħed m'id-dâr, u Dun Flavin telak minnufih bil mìxi, għaliex ankas il pôni ma chellu, billi ħaduh biex inagħluh. Collu ŭieħed, telak bil mìxi chif satagħ ; għaliex għalchemm Grez tghemghimlu li is-sħana ŭisk u issa kiegħed jixieħ, collu żejjed li jokgħod jibża, la darba id-dmîr tiegħu li jitlak u imur fejn sejjħulu, f'râs is-sodda ta marid.

Telak u ha geŭŭa ħobbu il Ħobż tal Ħajja biex ikarbinha lil Mary Lughee ; u x'ħin ŭasal għandha, għajjên mejjet u marid daksha, kabad igħidilha dac it-talb ta mîn hu f'ŭakt meŭtu :

" *Itlak, ruħ nisranija !...*"

Haŭn, minnufih, ftacar f'daŭc il chelmjiet l'oħra : " *Jasal dac il lejl, x'ħin il bniedem ma icunx jista jaħdem iżjed.*" Ħâdhom għalih daŭn il chelmtejn li Dun Flavin geŭħ f'moħħu dac il ħin, u kabad igħid bejnu u bejn ruħu: "Issa x'iŭitini jecc dan il-lejl jasal għalja?... x'tgħid? biex chiecu nkum fil ħajja ta dejjem?... " Chien li chien, għall eŭŭel darba f'għomru,

Dun Ġacbu Flavin xtâk igħix; iva, xtâk jibka igħix bil fehma li jibka jaħdem għal gîd tal erŭieħ!

"U hecc, Dun Ġâcbu!" kaltlu Mary Lughee, ŭara li tkarbnet u daks chemm chienet îlha tafu. "Jien issa usalt, għâd l'int għandec daks sitt snîn oħra actar minni!... Mîn jista igħid jecc Alla l'imbierec hux kiegħed jittenniec dalŭakt lilec ucoll?"

"Ħaġa żgħira, Mary; ħaġa żgħira!... Nħossni bħal bdejt nixjieħ!"

Hecc deherlu lil Dun Gâċbu Flavin; imma, daŭc tal parroccia tiegħu, chien îlhom is-snîn jaraŭh jixjieħ; hu ried icun, daks chemm chien jaħdem u iħaŭtel għal gîd tal erŭieħ, biex joħroġloc dac il ħin ta's-sħana!... Biex mâr għand ta Costello, it-triek chienet għa'n-niżla; iżda, x'ħin giè biex jarġa l'ura, it-telgħa. Id-demm bèda jitlagħlu il fuk il fuk, il vîni ta nâgħżu jakbżulu il barra, nkatagħlu in-nifs, kalbu ma felħetx actar għal dic it-tbatija.

Ŭasal fl'aħħar, u daħal fil ġnien m'ix-xatba, bla ma Grez ratu xejn dieħel. Xoftejh chienu nixfin koxkox; ried jixrob dakxejn ilma: ma felaħx jidħol id-dâr; xteħed fuk il banc, mnejn chien îlu sagħtejn li telak. Ftacar li chien kal il Għasar; iva, ftacar li laħak kâlu. Għalih chien għâdu id-daŭl, x'ħin xteħed bilkiegħda fuk il banc, u jara id-dlam.

Bèda igħid il Compiêta bil ctieb f'îdu, bla ma iħares; daks chemm chien îlu igħidha, il ctieb ma chellu x'jambih xejn. Għalih li raxx id-dlam seŭŭa! Chien għajjên, għajjên ħafna; imma, Alla l'imbierec chien jâf li m'hux minnu chien jonkos jecc il Compiêta Dun Ġâcbu chien kiegħed igħidha nofsu rieked!

Dun Flavin râġa deherlu samagħ mîn jitchel-

lem: għaraf leħen il vici li chien igħid lil Grez: "Imma, jien, minn għalija nġabar!... U iva, arah hemm, Grez... fil ġnien!"

Mbagħd ħass lil vici riesak lejh. Haŭn jarġa jiftaħ għainejh u jingħalkulu minnufih. Jarġa, mbagħd, deh-erlu jara il vici xuxa, jarfa idejh il fuk, bħalchiecu biex itih l'assoluzzioni.

Chien id-dlam seŭŭa!

Il vici samagħ lil Dun Flavin igħid taħt il-lsienu daŭn l'aħħar chelmjiet tal Compiêta: "*u jatina is-serħ ta dejjem!...*"

